



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2021
C(2021) 4997 draft

ANNEX 1

ANNEX

tad-

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni
dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għas-snin 2021-2024 għall-
programm LIFE**

Programm ta' ħidma pluriennali għall-implimentazzjoni tal-Programm LIFE għas-snin 2021-2024

Lista ta' abbrevjazzjonijiet u akronimi.....	2
1. INTRODUZZJONI.....	4
2. STRUTTURA.....	5
2.1. Is-sottoprogramm “Natura u Bijodiversità” u oqsma ta’ intervent relatati	6
2.2. Is-sottoprogramm “Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja” u oqsma ta’ intervent relatati	8
2.3. Is-sottoprogramm “Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih” u oqsma ta’ intervent relatati	11
2.4. Is-sottoprogramm “Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa” u oqsma ta’ intervent relatati	13
3. L-ALLOKAZZJONI TA’ FONDI.....	15
4. GĦOTJIET.....	16
4.1. Għotjiet ta’ Azzjoni	18
4.1.1. Proġetti ta’ Azzjoni Standard (SAPs)	18
4.1.2. Proġetti strateġiċi (SP)	19
4.1.3. Il-Proġetti ta’ Assistenza Teknika (proġetti TA)	23
4.1.4. Azzjonijiet Oħra (OA)	25
4.2. Il-proċedura ta’ sottomissjoni u għażla għall-għotjiet ta’ azzjoni.....	26
4.2.1. Proċedura fi stadju wieħed għall-SAPs, proġetti TA u “Azzjonijiet Oħra”	27
4.2.2. Proċedura f’żewġ stadji għall-SAP	29
4.2.3. Proċedura f’żewġ stadji għall-SP	30
4.3. Għotjiet operazzjonali	33
4.4. Il-proċedura tas-sottomissjoni u tal-għażla għall-għotjiet operazzjonali	34
4.5. Skedi indikattivi għas-sejthiet għal proposti	36
5. FOROM OĦRA TA’ FINANZJAMENT.....	37
5.1. Kuntratti ta’ Akkwist.....	37
5.2. Premijiet	37
5.3. Attivitàjiet b’appoġġ għall-investimenti, inkluż it-taħlit.....	38
5.3.1. Appoġġ għall-finanzjament ta’ assistenza teknika għall-investimenti ambjentali u klimatiċi	38
5.3.2. Appoġġ għall-finanzjament tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli	40

5.4.	Appoġġ għall-finanzjament ta' azzjonijiet oħra taħt ġestjoni indiretta	40
5.4.1.	Appoġġ finanzjarju għal attivitajiet oħra ta' ġestjoni indiretta fl-oqsma tal-ambjent u l-klima.....	41
5.4.2.	Appoġġ finanzjarju għall-attivazzjoni tal-investimenti tas-settur privat għall-effiċjenza fl-enerġija	41
5.5.	Proġetti ffinanzjati permezz ta' forom oħra ta' finanzjament li għandhom jiġu inklużi fil-85 % skont l-Artikolu 9.3	42
6.	FINANZJAMENT KUMULATTIV	43

Lista ta' abbrevjazzjonijiet u akronimi

BEST	Skema ta' Għotjiet ta' Azzjoni għall-Bijodiversità fir-Reġjuni Ultraperiferiċi u l-Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej
CSA	Azzjonijiet ta' Koordinazzjoni u Appoġġ
DEEP	Pjattaforma għall-Effiċjenza fl-Enerġija li Tneħħi r-Riskji
EA	Aġenzija Eżekuttiva
EASIN	Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar l-Ispedizzjonijiet Aljeni
EEFIG	Grupp tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji għall-Effiċjenza fl-Enerġija
BEI	Bank Ewropew tal-Investment
Faċilità ELENA	Il-faċilità ta' Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali
EIR	Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali
EIT	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija
ETS	Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet
EMAS	Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali
FAO	Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura
FISE	Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa
ICT	Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni
AIE	Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija
IUCN	Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura
KKI	Appoġġ għall-Komunitajiet ta' Konozzenza u Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija
LUCAS	Sħarriġ qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta
MAWP	Programm ta' Ħidma Pluriennali
MRVA	Monitoraġġ, Rapportar, Verifika u Akkreditazzjoni
NAPCP	Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja
NECP	Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima
NEEAP	Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija
NEC	Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet

PAF.....	Qafas ta' Azzjoni ta' Prijorità
OA	Azzjonijiet Oħra
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
OEF.....	Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni
OEFSRs	Regoli tas-Settur marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni
PEF	Impronta Ambjentali tal-Proġetti
PEFCRs	Regoli tal-Kategorija marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott
PLP	Proġetti għall-indirizzar ta' Prijoritajiet Leġiżlattivi u ta' Politika <i>ad hoc</i>
RBMP	Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċir tax-Xmara
SAP.....	Proġetti ta' Azzjoni Standard
SGA.....	Ftehim Speċifiku ta' Għotja
SIP	Proġetti Integrati Strateġiċi
SMART	Speċifiku, li jista' Jitkejjel u Jinkiseb, Realistiku u marbut mal-Ħin
SNAP.....	Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura
TA-CAP	Proġetti ta' Assistenza Teknika għall-bini tal-Kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri
TAIEX	Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni
TA-PP.....	Proġetti ta' Assistenza Teknika għat-tnejjija ta' SNAPs u SIPs
Proġetti TA	Proġetti ta' Assistenza Teknika
TA-R	Proġetti ta' Assistenza Teknika għal proġetti tar-Replikazzjoni tar-riżultati u għat-titjib tagħhom
TFUE	It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
UNFCCC	Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima
UNEP.....	Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent
WHO.....	Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa
WISE	Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa
WMP	Pjaniet tal-Immaniġġjar tal-Iskart

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1293/2013 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament LIFE"), "L-objettiv ġenerali tal-Programm LIFE għandu jkun li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u dan sabiex jiproteġi u jirrestawra lill-ambjent u jtejjeb il-kwalità tiegħu, inkluż l-arja, l-ilma u l-ħamrija, kif ukoll biex iwaqqaf u jreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u jindirizza d-degradazzjoni tal-ekosistemi, inkluż billi jappoġġa l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tan-Netwerk Natura 2000 u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli." Il-Programm LIFE għandu jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni ġenerali adottati skont l-Artikolu 192(3) TFUE".

F'dan ir-rigward, il-programm LIFE b'mod ġenerali jikkostitwixxi bis-sħiħ għall-objettivi u l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew¹, li għandu l-għan li:

- jittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi;
- jiproteġi, jippreserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-UE, u jiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent u mal-klima.

Il-Programm LIFE se jikkontribwixxi għal dawn il-prijoritajiet permezz tal-erba' sottoprogrammi tiegħu b'mod partikolari billi

- jagħti spinta u jintegra l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' politika tal-UE biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-ħabitats u tal-ispeċijiet tal-annimali selvaġġi fis-setturi kollha, kif ukoll l-objettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030;
- jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u jiproteġi u jtejjeb il-kwalità tar-riżorsi naturali tal-UE, inklużi l-arja, il-ħamrija u l-ilma, fost oħrajn;
- jappoġġa l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika għall-enerġija u l-klima għall-2030, l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- isaħħaħ il-kapaċità, jstimula l-investimenti u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' politiki ffokati fuq l-effiċjenza enerġetika u s-sorsi rinnovabbli fuq skala żgħira.

Il-programm ta' ħidma pluriennali attwali (MAWP) għall-2021-2024 iqis l-esperjenza miksuba fil-programmi LIFE preċedenti u r-risultati tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mwettqa fil-qafas tat-tnejn tiegħu.

Huwa jinkorpora n-novitajiet li ġew introdotti mir-Regolament LIFE inklużi:

- Azzjoni msaħħa dwar in-natura u l-bijodiversità b'ambitu estiż u appoġġ iddedikat għal programmi ta' azzjoni kkoordinati fl-Istati Membri. Dan se jikkontribwixxi għall-ambizzjoni tal-bijodiversità li 7,5 % fl-2024 u 10 % fl-2026 u fl-2027 tal-infiq annwali skont il-qafas finanzjarju pluriennali jiġi pprovdut għall-objettivi tal-bijodiversità².

¹ COM(2019)640 final

² Ara "Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda" ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

- Mira ta' 61 % għall-infiq li jappoġġa l-oġġettivi klimatiċi f'konformità mal-ambizzjoni li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050.
- Azzjoni msaħħa dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġiji rinnovabbli.
- Opportunità estiża għal sinerġiji ma' fondi u programmi oħra, b'mod partikolari permezz tas-Siġill ta' Eċċellenza u l-finanzjament kumulattiv.
- Impatt akbar biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà billi jiġu kkombinati l-isforzi ma' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari l-Missjonijiet tiegħu b'appoġġ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew (Adattament għat-tibdil fil-klima, Bliet newtrali għall-klima, Oċeani u Ħamrija).
- Ambitu ġeografiku estiż li jinvolvi Pajjiżi u Territorji ekstra-Ewropej (PTEE).

Dan il-MAWP ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-istruttura tal-MAWP issegwi l-lista tal-kontenut definita fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament LIFE u tindirizza biss is-sottoprogrammi separatament, fejn meħtieġ.

Huwa jistabbilixxi qafas dettaljat għall-eżerċitar tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni u jipprovdi perspettiva tal-attivitajiet tal-Programm LIFE għal erba' snin, u b'hekk jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati potenzjali.

Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tal-programm LIFE se jiġu implimentati b'mod dirett mis-servizzi tal-Kummissjoni jew minn Aġenzija Eżekuttiva (EA). L-EA taġixxi fil-limiti tad-delega definita mill-Kummissjoni u taħt is-superviżjoni tagħha. Ir-responsabbiltà ġenerali għall-programm tibqa' f'idejn il-Kummissjoni.

2. STRUTTURA

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament LIFE, il-programm LIFE huwa strutturat f'żewġ oqsma – Ambjent u Azzjoni Klimatika – u f'erba' sottoprogrammi:

1. Fil-qasam tal-Ambjent:

- Is-sottoprogramm « Natura u Bijodiversità »;
- Is-sottoprogramm « Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja ».

2. Fil-qasam tal-Azzjoni Klimatika:

- Is-sottoprogramm «Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih»;
- Is-sottoprogramm «Tranzizzjoni lejn Enerġija Nadifa».

Għad-durata tal-MAWP attwali, huwa allokat baġit ta' EUR 1,801 biljun għall-qasam tal-Ambjent, baġit ta' EUR 1,032.5 biljun huwa allokat għall-qasam tal-Azzjoni Klimatika³.

Kull sottoprogramm huwa deskritt hawn taħt bl-oġġettivi u bl-oqsma ta' intervent relatati.

Fl-implimentazzjoni ta' kull sottoprogramm, il-Kummissjoni se tfittex li tiżgura li kull azzjoni tkun konformi mal-ġurament ekoloġiku “la tagħmilx ħsara”⁴, u li ma hija se tfixkel l-ebda wieħed mill-oġġettivi tas-sottoprogrammi l-oħra⁵, filwaqt li tfittex l-iżvilupp ta' sinerġiji bil-ħsieb li ssegwi viżjoni olistika tal-ambjent.

³ Dawn l-ammonti ma jinkludux l-infiq ta' appoġġ, li jammonta għal EUR 106 miljun, għall-perjodu tal-MAWP.

⁴ Ara: https://ec.europa.eu/info/publications/communication-european-green-deal_mt-european-green-deal_mt-european-green-deal_mt

⁵ Pereżempju billi titqies il-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-finanzi sostenibbli, inkluża t-Tassonomija tal-UE (https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/sustainable-finance_mt).

2.1. Is-sottoprogramm “Natura u Bijodiversità” u oqsma ta’ intervent relatati

F’konformità mal-objettivi speċifiċi tas-programm kif stabbilit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament LIFE, is-sottoprogramm “Natura u Bijodiversità” se jkollu l-għan li:

- jiżviluppa, juri, jipromwovi u jstimula t-tkabbir ta’ tekniki innovattivi, metodi u approċċi (inklużi soluzzjonijiet li huma bbażati fuq in-natura u approċċi tal-ekosistema) biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità jew relatati magħhom, u li jikkontribwixxi għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aħjar prattiki, inklużi permezz tal-appoġġ tan-network Natura 2000;
- jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità jew relatati magħhom inkluż billi tittejjeb il-governanza fil-livelli kollha, b’mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involvement tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jqis ukoll il-kontribuzzjonijiet possibbli pprovduti mix-xjenza mill-pubbliku⁶;
- jikkatalizza l-varar fuq skala kbira ta’ soluzzjonijiet/approċċi ta’ suċċess għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, billi jirreplika r-riżultati, jintegra objettivi relatati f’politiki oħra u fi prattiki tas-settur pubbliku u privat, jimmobilizza l-investment u jtejjeb l-aċċess għall-finanzi.

LIFE ilu jservi ta’ għodda prinċipali fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-Habitats mill-1992 u kien strumentali u, f’xi każijiet kruċjali, biex jiġi żgurat l-istabbiliment tan-network Natura 2000.

Il-kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar in-Natura⁷, il-Pjan ta’ azzjoni għan-natura, għan-nies u għall-ekonomija⁸ kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030⁹ jissottolinjaw il-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament għan-natura u għall-bijodiversità.

Is-sottoprogramm Natura u Bijodiversità se jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni, għall-manutenzjoni u għar-restawr tal-kapital naturali tal-Unjoni fl-ekosistemi tal-baħar, tal-ilma ħelu u terrestri tagħha, kif deskritt fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika¹⁰, il-Konvenzjoni ta’ Berna¹¹. B’mod partikolari se jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030¹², id-Direttivi tal-UE

⁶ Ix-xogħol xjentifiku mwettaq mill-membri tal-pubbliku ġenerali, spiss f’kollaborazzjoni ma’ xjenzati professjonali u istituzzjonijiet xjentifiċi jew taħt id-direzzjoni tagħhom..

⁷ Id-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2016) 472 final tas-16 ta’ Diċembru 2016 “Il-Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-Natura (id-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-Habitats), id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa” (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-Habitats”).

⁸ Il-Komunikazzjoni COM(2017) 198 final tas-27 ta’ April 2017 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni “Pjan ta’ Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija”.

⁹ Ara COM(2019)640 final: https://ec.europa.eu/environment/strategy/biodiversity-strategy-2030_mt.

¹⁰ Approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta’ Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

¹¹ Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta’ Annimali Slavaġ u Ambjenti Naturali Ewropej, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta’ Diċembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta’ annimali slavaġ u ambjenti naturali Ewropej (ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1).

¹² Ara: https://ec.europa.eu/environment/strategy/biodiversity-strategy-2030_mt

dwar l-Għasafar¹³ u dwar il-Ħabitats¹⁴, ir-Regolament dwar l-Ispeċijiet Aljeni Invażivi¹⁵ kif ukoll l-oġġettivi rilevanti skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina¹⁶, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma¹⁷, u l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjuni Ultraperiferiċi¹⁸.

Ammont indikattiv ta' EUR 1,103.5 biljun huwa allokat għas-sottoprogramm Natura u Bijodiversità għall-perjodu 2021-2024.

Is-sottoprogramm għan-natura u l-bijodiversità se jiġi implimentat prinċipalment permezz tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

1. kontinwazzjoni tal-approċċ tradizzjonali minn isfel għal fuq, li huwa immirat lejn l-implimentazzjoni ta' miżuri prattiċi u effettivi għat-titjib tal-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-ħabitats, is-saħħa tal-ekosistemi u s-servizzi relatati, permezz tal-kofinanzjament ta' Proġetti ta' Azzjoni Standard (SAPs, ara t-taqsim 4.1.1 hawn taħt). L-SAPs kollha jenħteġ li jkunu mfassla biex jiksbu, bħala riżultat dirett tal-implimentazzjoni tagħhom, titjib tanġibbli għall-ispeċijiet, għall-ħabitats u għall-ekosistemi u għas-servizzi relatati, li għandu jiġi definit abbażi ta' oġġettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu (SMART). Il-fokus ġenerali tal-SAPs huwa fuq dan li ġej: (1) miżuri ta' konservazzjoni u ta' restawr ibbażati fuq iż-żona ("spazju għan-natura") u (2) miżuri speċifiċi addizzjonali mmirati lejn l-ispeċijiet u l-ekosistemi/il-ħabitats b'miżuri għajr dawk ibbażati fuq iż-żona ("il-protezzjoni/is-salvagwardja tal-ispeċijiet u tal-ħabitats tagħna");
2. kontinwazzjoni tal-approċċ integrat għall-appoġġ tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità (PAFs)¹⁹ nazzjonali jew reġjonali u strumenti oħra tal-ippjanar tal-UE relatati mal-politika dwar il-bijodiversità, permezz ta' Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura (SNAPs, ara t-taqsim 4.1.2. hawn taħt). L-SNAPs jinkludu azzjonijiet tal-bini tal-kapaċitajiet u ta' integrazzjoni, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' sorsi oħra ta' finanzjament għan-natura u għall-bijodiversità. L-SNAPs jistgħu jinkludu wkoll azzjonijiet speċifiċi ta' konservazzjoni, b'mod partikolari fejn dawn ma jistgħux jiġu appoġġati permezz tal-mobilizzazzjoni ta' finanzjament addizzjonali minn programmi oħra ta' finanzjament tal-UE (ara t-taqsim 4.1.2 dwar l-SNAPs hawn taħt);
3. approċċ strutturat biex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ta' politika speċifiċi, permezz ta' sejħiet iddedikati taħt "Azzjonijiet Oħra" (OAs - ara t-taqsim 4.1.4 hawn taħt);
4. Proġetti ta' Assistenza Teknika (TA), kif definiti fit-taqsim 4.1.3 hawn taħt.

It-tipi ta' azzjonijiet ta' hawn fuq jistgħu jkopru:

¹³ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35)

¹⁶ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

¹⁷ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

¹⁸ Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment "Shubijastrategika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"(COM(2017)0623).

¹⁹ Stabbilit skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/43

- (1) miżuri għall-promozzjoni u għall-appoġġ tal-konservazzjoni u r-restawr ibbażati fuq iż-żona (“spazju għan-natura”);
- (2) miżuri speċifiċi addizzjonali mmirati lejn l-ispeċijiet (“is-salvagwardja tal-ispeċijiet taġna”);
- (3) governanza biex jiġu ffaċilitati t-tibdil fl-imġiba u/jew it-tibdil fil-prattiki, fil-ħamrija, fl-art u fil-ġestjoni tal-ilma, inkluż fiż-żoni tal-baħar, kif ukoll il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, inkluż billi tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità għall-2030²⁰ u l-Istrateġija Ewropea għall-Forestrija li ġejja biex jiġu integrati l-oġettivi tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti, biex tissaħħaħ il-kapaċità fil-livelli kollha u biex tittejjeb il-bażi tal-għarfien dwar in-natura u l-bijodiversità, inkluż għall-monitoraġġ, għall-kontabbiltà u r-rapportar, għall-valutazzjoni u għall-evalwazzjoni *ex post*;
- (4) Assigurazzjoni tal-konformità ambjentali u aċċess għall-ġustizzja.

L-azzjonijiet ta’ hawn fuq se jimmiraw, fost l-oħrajn, l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats u dwar l-Għasafar u r-Regolament dwar l-Ispeċijiet Aljeni Invażivi, it-treġġiġh lura tat-tnaqqis tad-dakkara, ir-restawr ta’ ekosistemi degradati u rikki fil-karbonju u t-titjib tas-saħħa u r-reżiljenza tal-foresti.

2.2. Is-sottoprogramm “Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja” u oqsma ta’ intervent relatati

L-oġettivi speċifiċi tas-sottoprogramm “Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja” huma:

- li jiżviluppa, juri u jippromwovi tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent, u li jikkontribwixxi għall-bażi tal-għarfien u, fejn rilevanti, għall-applikazzjoni tal-aħjar Prattiki;
- li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, inkluż billi jtejjeb il-governanza fil-livelli kollha, b’mod partikolari permezz tat-tiżiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involviment tas-soċjetà ċivili;
- li jikkatalizza l-varar fuq skala kbira ta’ soluzzjonijiet ta’ suċċess tekniċi u relatati mal-politika għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, billi jirreplika r-riżultati, jintegra l-oġettivi relatati f’politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u jimmobilizza l-investment u jtejjeb l-aċċess għall-finanzi.

Dan is-sottoprogramm għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għall-klima, ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi u li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent.

Se jikkontribwixxi għall-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea billi:

- jnaqqas il-konsum tar-riżorsi u jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ambjent sostenibbli, ċirkolari, ħieles mis-sustanzi tossiċi, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għall-klima;
- jiżviluppa sistemi ċirkolari, f’konformità mal-Pjan ta’ Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari²¹ u billi jirrifletti l-fokus tiegħu fuq il-prodotti sostenibbli, is-setturi b’użu

²⁰ COM(2019)640 final

²¹ COM(2020)98 final “Pjan ta’ Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva”

intensiv ta' materjali u ta' enerġija u l-mudelli ta' negozju ċirkolari għaż-żamma tal-valur. Se tingħata kunsiderazzjoni speċifika lill-proġetti mir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer tal-UE.

- inaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart²² u jnaqqas l-iskart perikoluż fid-dawl tal-impenn tal-UE skont il-Konvenzjoni ta' Basilea²³;
- itejjeb l-immaniġġjar tal-iskart fir-rigward tal-ġbir u l-ħżin tal-iskart, l-għażliet ta' rkupru u r-rimi fi tmiem is-servizz, inkluż fil-gżejjer, f'żoni kostali jew terrestri remoti, u fir-Reġjuni Ultraperiferiċi fejn l-immaniġġjar tal-iskart jiffaċċja sfidi speċifiċi;
- inaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u fl-ibħra, u jiżgura arja u ibħra nodfa għaċ-ċittadini tal-UE f'konformità mal-*acquis* tal-UE u mal-oġġettivi tal-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero;
- jikseb u jżomm stat tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-Unjoni;
- jiżgura ilma nadif tal-wieċ u ta' taħt l-art, fi kwantitajiet suffiċjenti għall-bniedem u għal speċijiet oħra, inkluż billi tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-ilma;
- inaqqas il-produzzjoni, l-użu u l-emmissjonijiet ta' sustanzi kimiki ta' riskju kif ukoll billi jnaqqas l-esponiment tal-bnedmin u tal-ambjent għal dawk il-kimiċi;
- jippromwovi l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' sustanzi, materjali u prodotti sikuri u ddisinjati biex ikunu sostenibbli;
- inaqqas l-esponiment għal livelli ta' storbu dannużi;
- jipproteġi l-kwalità tal-ħamrija tal-UE, billi jipprevjeni d-degradazzjoni tal-ħamrija u billi jżid ir-reżiljenza tal-ħamrija għat-theddid klimatiku u billi jiġġieled kontra d-deżertifikazzjoni permezz ta' Prattiki sostenibbli tal-ġestjoni tal-ħamrija u tal-art, billi jirrimedja mit-tniġġis tal-ħamrija u billi jsaħħaħ il-kapaċità li tittejjeb il-kwalità tal-ilma permezz ta' tnaqqis fit-tnixxija tan-nitrati u billi jnaqqas l-emissjonijiet permezz tal-ħżin tal-karbonju u l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-issiġillar tal-ħamrija.

Ammont indikattiv ta' EUR 697.5 miljun huwa allokat għas-sottoprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja għall-perjodu 2021-2024.

Dan l-ammont se jintuża biex jiffinanzja prinċipalment l-SAPs, il-Proġetti Integrati Strateġiċi (SIPs) u OAs li jiffukaw fuq dan li ġej:

- Ekonomija ċirkolari, inkluż l-irkupru ta' riżorsi mill-iskart, biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ambjent ċirkolari, newtrali għall-klima, sostenibbli u ħieles mis-sustanzi tossiċi, fejn:
 - ✓ il-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi jiġi massimizzat u miżmum fl-ekonomija għall-itwal żmien possibbli;
 - ✓ il-manifattura u l-użu tal-prodotti huma sostenibbli u;
 - ✓ il-ġenerazzjoni tal-iskart u l-preżenza ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara jiġu mminimizzati.

Dan jinkludi azzjonijiet dwar prodotti li huma sikuri u sostenibbli mid-disinn, dwar il-produzzjoni u l-konsum ċirkolari u sostenibbli kif ukoll azzjonijiet biex jiżdiedu t-tiswija, l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali u prodotti. Dan jinkludi teknoloġiji, għodod u approċċi sostenibbli li huma żviluppanti fl-ambitu tal-Ekonomija Blu

²² Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi

²³ <http://www.basel.int/TheConvention/Overview/TextoftheConvention/tabid/1275/Default.aspx>

Sostenibbli, bħar-riċiklabilità mtejbja tal-infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli offshore jew it-tiswija/l-użu mill-ġdid tax-xbieki tas-sajd u tal-prodotti sekondarji tas-sajd/tal-akkwakultura (eż. qxur tal-ħut, arzelli, eċċ.).

Dan jinkludi wkoll azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' mudelli tan-negozju tal-ekonomija ċirkolari²⁴ u sistemi tal-katina tal-provvista iqsar u aktar diversifikati li jimminimizzaw l-impatt ambjentali u jnaqqsu d-dipendenza esterna. Dawn jenħteġ li jkunu bbażati fuq miżuri komprensivi mmirati lejn iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodotti u tal-materjali.

Dwar l-irkupru tar-riżorsi mill-iskart, dan jinkludi azzjonijiet f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart biex jiġi evitat l-iskart, biex jiżdiestu t-tiswija u l-użu mill-ġdid tal-prodott, biex jittejbu l-għażla u d-dekontaminazzjoni tal-flussi tal-iskart, u biex jiżdiestu ir-riċiklaġġ sikur u ta' kwalità għolja tal-materjali u tal-prodotti abbażi ta' sistemi robusti u mifruxa ta' ġbir separat.

Fid-dawl tal-użu għoli tar-riżorsi tagħhom u l-potenzjal taċ-ċirkolarità tagħhom, il-ktajjen ewlenin tal-valur tal-prodott²⁵ bħat-tessuti, il-kimiċi (inkluż il-plastik), il-kostruzzjoni u l-bini, l-elettronika u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), u l-batterji u l-vetturi, se jirċievu attenzjoni speċifika bl-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fl-istadji kollha taċ-ċikli tal-ħajja rilevanti u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

- L-ambjent u s-saħħa: ġestjoni sostenibbli bbażata fuq il-protezzjoni fit-tul tar-riżorsi naturali u tal-materja prima, il-produzzjoni ta' oġġetti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u l-forniment ta' servizzi bil-għan li jiġu eliminati, evitati jew minimizzati l-effetti ħżiena u l-impatti negattivi fuq is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, u t-titjib tal-kwalità ta' ħajjithom, kif ukoll tal-ambjent u tal-ekosistemi tal-baħar u terrestri tagħha, inklużi:
 - L-ilma u l-ibħra. Il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ u l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma u tal-baħar bil-ħsieb li jinkiseb u jinżamm stat kimiku u ekoloġiku tajjeb tal-korpi kollha tal-ilma tal-Unjoni, inklużi l-artijiet mistagħdra, l-ambjent tal-baħar u s-salvagwardja attiva tal-kwantità tal-ilma kif ukoll it-tnaqqis tal-pressjonijiet relatati kollha;
 - L-Arja u l-Istorbu. Il-protezzjoni tal-arja u t-titjib tal-kwalità tal-arja permezz tal-prevenzjoni u/jew tat-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u tal-istorbu, speċjalment fl-ambjent urban;
 - Il-ħamrija. Ir-restawr, ir-rimedju, il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-ħamrija, fil-konfini naturali jew ġestiti tal-ekosistema, biex jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema, b'mod partikolari biex tiġi sostnuta l-produttività tal-pjanti u tal-annimali, biex tinżamm jew tittejjeb il-kwalità tal-ilma u tal-arja, u biex jiġu appoġġati s-saħħa tal-bniedem u tal-ħabitats u biex tiġi evitata telf ta' ħamrija;
 - Il-ġestjoni ta' sustanzi kimiċi. Użu aktar sostenibbli ta' sustanzi u taħlitiet kimiċi, waħedhom u f'oġġetti u fi prodotti finali (inklużi eż. pestiċidi, fertilizzanti, antimikrobiċi u nanomaterjali), informazzjoni aħjar dwar il-kontenut kimiku tal-prodotti finali, il-prevenzjoni tal-aċċidenti u x-xiri infurmat relatat, inkluż it-

²⁴ Mudelli tan-negozju maħsuba biex iżommu l-prodotti u l-materjali fl-użu, għall-itwal żmien possibbli u jintensifikaw l-użu tagħhom sabiex jiksbu l-valur massimu minnhom.

²⁵ Kif definit f'COM(2020) 98 final.

trawwim tal-interkonnessjoni tal-ġestjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi, iċ-ċirkolarità tal-materjali u t-tibdil fil-klima.

- Proġetti ta' governanza ambjentali biex tiġi inċentivata l-bidla fl-imġiba, li se jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew²⁶, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-livelli kollha, inkluż għas-soċjetà ċivili, l-integrazzjoni tal-oġġettivi ambjentali, azzjonijiet ċirkolari u ta' effiċjenza tar-riżorsi f'setturi rilevanti, it-titjib tal-bażi tal-għarfien dwar l-ambjent, inkluż l-ekoloġizzazzjoni tal-investimenti, il-monitoraġġ tal-ambjent, il-kontabbiltà u r-rapportar u l-kontribut għall-monitoraġġ, għall-valutazzjoni u għall-ewalwazzjoni *ex post* tal-politika.
- L-inizjattiva ġenerali tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB). Dan se jkun proġett ambjentali, ekonomiku u kulturali biex jgħaqqad id-disinn, is-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà sabiex jgħin fit-tweqqif tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din l-inizjattiva se tqis ukoll l-elementi tan-natura u tal-bijodiversità.

2.3. Is-sottoprogramm “Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih” u oqsma ta' intervent relatati

L-oġġettivi speċifiċi tas-sottoprogramm “Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih” huma:

- li jiżviluppa, juri u jipromwovi tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tal-Unjoni dwar l-azzjoni dwar il-klima u li jikkontribwixxi għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aħjar prattiki;
- li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni dwar il-klima, inkluż billi jtejjeb il-governanza fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involvement tas-soċjetà ċivili;
- li jikkatalizza l-varar fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet ta' suċċess tekniċi u relatati mal-politika għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni dwar il-klima billi jirreplika r-riżultati, jintegra l-oġġettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u jimmobilizza l-investiment u jtejjeb l-aċċess għall-finanzi.

Il-Programm LIFE se jikkontribwixxi wkoll għat-trasformazzjoni tal-Unjoni f'soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti, billi jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-klima tal-UE bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew²⁷ u jħejji lill-UE għall-isfidi klimatiċi fis-snin u d-deċennji li ġejjin.

Il-baġit indikattiv allokat għas-sottoprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih għall-perjodu 2021-2024 huwa ta' EUR 505.5 miljun. L-akbar parti se tintnefaq fuq għotjiet, speċjalment, iżda mhux esklussivament, fuq (SAPs) u fuq (SIPs).

L-oqsma ta' intervent tiegħu se jkunu dawn li ġejjin:

- Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima
 - It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inklużi l-gassijiet serra fluworinati u s-sustanzi qerrieda tal-ożonu, f'konformità mal-mira tal-UE għan-newtralità klimatika u mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, inkluż l-indirizzar tal-qafas tal-politika u tas-suq għall-iżvilupp u l-varar ta' prodotti u servizzi b'livell baxx ta'

²⁶ COM(2019)640 final.

²⁷ COM(2019)640 final.

karbonju jew effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll billi tiġi promossa t-tranżizzjoni tas-settur tat-trasport.

- It-tiŝiħ tal-funzjonament tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.
 - L-appoġġ għal prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-art, tal-foresti, tal-ħamrija, tal-baħar u tal-oċeani, li jnaqqsu l-emissjonijiet jew ineħħu s-CO₂ mill-atmosfera.
 - L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet għat-tneħħija/għas-sekwestru tas-CO₂ mill-atmosfera. Il-qbid tal-karbonju u t-tneħħija tal-karbonju jistgħu jkunu bbażati fuq in-natura u jistgħu jingħaqdu ma' proġetti ta' restawr jew jiddependu fuq il-ħżin f' media speċifika fit-tul jew l-użu ta' prodotti dejjiema.
- L-Adattament għat-Tibdil fil-Klima
 - L-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika relatata mal-adattament, u t-titjib tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament fil-livelli kollha u fis-setturi kollha, f'konformità mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima²⁸;
 - It-titjib, il-promozzjoni, u ż-żieda fl-użu tal-ġhodod u soluzzjonijiet mill-aktar avvanzati għall-immudellar tal-adattament, għall-valutazzjoni tar-riskju, għall-ġestjoni u għall-appoġġ għad-deċiżjonijiet; il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-adattament; u ġhodod ta' valutazzjoni tal-proġetti *ex ante* biex jiġu identifikati aħjar il-kobenefiċċji u l-impatti pożittivi fuq l-ekonomija ta' proġetti ta' adattament u ta' prevenzjoni;
 - L-appoġġ tat-tneġġija tas-soluzzjonijiet vijabbli bbażati fuq in-natura fil-ġestjoni taż-żoni tal-art, kostali u tal-baħar inkluż permezz ta' valutazzjonijiet, gwida, bini tal-kapaċitajiet, u approċċi u prodotti finanzjarji xierqa;
 - Approċċi u Soluzzjonijiet għall-adattament tal-bliet u tar-reġjuni għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari b'appoġġ għall-UE u l-Patt Globali tas-Sindki u l-Patt Klimatiku Ewropew;
 - Approċċi u soluzzjonijiet biex tiġi żgurata provvista stabbli u sigura ta' ilma ħelu ta' kwalità għolja, jiġu evitati n-nixfiet, jitnaqqas l-użu tal-ilma, jiġu protetti u restawrati l-artijiet mistagħdra, u jiġi evitat l-għargħar;
 - Soluzzjonijiet favur ir-reżistena għall-klima u t-tiŝiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura u tal-bini, inkluż bl-użu ta' infrastruttura ekoloġika blu u permezz ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni;
 - L-appoġġ għat-tneġġija għal avvenimenti ta' temp estrem, b'mod partikolari fil-livell lokali u fir-reġjuni ultraperiferiċi;
 - Il-promozzjoni ta' strumenti finanzjarji u soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati r-riskji kkawżati mill-klima, u l-kollaborazzjoni pubblika-privata biex jitnaqqas is-sehem ta' telf ekonomiku mhux assigurat relatat mal-klima, inkluż billi jittejjbu l-ġbir u l-aċċess għad-*data* dwar it-telf ekonomiku relatat mal-klima.
 - Il-Governanza u l-Infurmazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima, li se jinkludu azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih:
 - Tiġi inċentivata l-bidla fl-imġiba u fil-prattiki, kif ukoll it-titjib tal-għarfien u tal-kuxjenza taċ-ċittadini, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tal-

²⁸ COM(2021)82 final

implimentazzjoni tal-Patt Klimatiku Ewropew²⁹, billi jkun hemm l-integrazzjoni tal-azzjonijiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-effiċjenza fir-riżorsi fis-setturi rilevanti;

- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji klimatiċi u tal-enerġija jew strateġiji ta' nofs is-seklu fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali;
- It-titjib tal-monitoraġġ, tal-kontabbiltà u tar-rapportar tal-gassijiet serra u l-kontribuzzjoni għall-monitoraġġ, għall-valutazzjoni u għall-evalwazzjoni *ex post* tal-politika;
- Informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u s-sensibilizzazzjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluż dwar ir-reżistenza klimatika tal-investment u l-politiki tal-infrastruttura;
- L-iżvilupp ta' servizzi klimatiċi u l-promozzjoni tax-xjenza klimatika;
- L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' strumenti finanzjarji sostenibbli u l-appoġġ għad-diplomazija klimatika.

Is-sottoprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih jista' jkopri attivitajiet relatati mal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, sakemm ma jkunux koperti mis-sejthiet tas-sottoprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa f'dik l-istess sena.

2.4. Is-sottoprogramm “Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa” u oqsma ta' intervent relatati

L-oġettivi speċifiċi tas-sottoprogramm “Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa” huma dawn li ġejjin:

- li jiżviluppa, juri u jippromwovi tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tal-Unjoni dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli sostenibbli u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, u li jikkontribwixxi għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aħjar prattiki;
- li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli sostenibbli jew iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, inkluż billi jtejjeb il-governanza fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz tat-tiżni tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involvement tas-soċjetà ċivili;
- li jikkatalizza l-varar fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet ta' suċċess tekniċi u relatati mal-politika għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli sostenibbli jew iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika billi jirreplika r-riżultati, jintegra l-oġettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u jimmobilizza l-investment u jtejjeb l-aċċess għall-finanzi.

Dan is-sottoprogramm se jiffinanzja l-attivitajiet li jwieġbu għas-suġġetti speċifiċi definiti fis-sejthiet annwali għal proposti li huma bbażati fuq il-lista ta' suġġetti prijoritarji. Attivitajiet oħra relatati mal-effiċjenza enerġetika u mal-enerġija rinnovabbli, li ma jindirizzawx ir-rekwiżiti speċifiċi tas-sejthiet definiti taħt dan is-sottoprogramm jistgħu jiġu sottomessi għas-sejthiet taħt is-sottoprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih.

Is-sottoprogramm se jkollu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, newtrali u reżiljenti għall-klima billi

²⁹ COM(2019)640 final

jiffinanzja azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ madwar l-Ewropa. Dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jkissru l-ostakli tas-suq li jfixxli t-tranżizzjoni soċjoekonomika għall-enerġija sostenibbli, li tipikament jinvolvu diversi partijiet ikkonċernati żgħar u ta' daqs medju, diversi atturi, inklużi awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u li jinvolvu lill-konsumaturi.

Is-sottoprogramm se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati mal-enerġija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluża l-inizjattiva "Mewġa ta' Rinnovazzjoni" għas-settur tal-bini, u se jqis kif xieraq it-territorji mhux konnessi mal-grilji Ewropej bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE. Huwa se jikkontribwixxi għall-oġettivi ta' Tranżizzjoni Ġusta billi jakkumpanja lit-territorji u lill-gruppi ta' ċittadini affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għall-enerġija nadifa, billi jibni l-kapaċità tal-atturi u jrawwem investimenti fl-enerġija nadifa, prinċipalment fl-effiċjenza enerġetika u sorsi tal-enerġija rinnovabbli sostenibbli u disponibbli lokalment. L-attivitajiet relatati mal-iżvilupp tat-teknoloġija mhumiex se jiġu inklużi³⁰.

Ammont indikattiv ta' EUR 527 miljun huwa allokat għas-sottoprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa għall-perjodu 2021-2024.

Parti sinifikanti minn dan il-baġit se tintuża biex tiffinanzja Azzjonijiet ta' Koordinazzjoni u Appoġġ (CSA) taħt l-għotjiet ta' OAs għall-perjodu ta' erba' snin, filwaqt li l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati l-SAPs hija prevista biss mill-2023.

Huwa se jkopri l-oqsma ta' intervent li ġejjin:

- **Il-bini ta' qafas ta' politika nazzjonali, reġjonali u lokali li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa:**

Iż-żieda fil-koerenza tal-governanza tat-tranżizzjoni enerġetika f'livelli differenti billi jissaħħaħ id-djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati u tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jwettqu skont il-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u/jew pjanijiet u strateġiji oħra (eż. pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta, strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul, strateġiji għall-elettrifikazzjoni tas-sistema tat-trasport). L-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki dwar l-enerġija nadifa, inkluża l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prodotti u l-konsumaturi tal-enerġija, fl-UE u f'pajjiżi terzi. L-appoġġ ta' azzjonijiet li jqiegħdu fil-prattika d-dispożizzjonijiet abilitanti inklużi fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-enerġija nadifa.

- **L-aċċellerazzjoni tal-varar tat-teknoloġija, id-diġitalizzazzjoni, is-servizzi ġodda u l-mudelli tan-negozju u t-titjib tal-ħiliet professjonali relatati fis-suq għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa:**

L-għoti ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tal-bini, tal-industrija u dak terzjarju, billi titrawwem l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi, inklużi d-diġitalizzazzjoni u d-disinn ċirkolari f'konformità mal-mira tan-newtralità klimatika. L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' servizzi ġodda ta' valur miżjud u ta' mudelli ta' negozju innovattivi. Il-varar ta' teknoloġiji u ta' soluzzjonijiet innovattivi jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn miżuri li jindirizzaw l-ostakli tas-suq inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp u l-varar ta' ħiliet u oqfsa ġodda (tikketti, ċertifikati, standards teknoloġiċi u mhux teknoloġiċi³¹, eż. għall-interoperabbiltà, eċċ.).

- **L-attirar ta' finanzjament privat għall-enerġija sostenibbli:**

³⁰ L-iżvilupp teknoloġiku, ir-riċerka u l-innovazzjoni għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa se jiġu ffinanzjati f'Orizzont Ewropa.

³¹ Bħall-ontoloġija SAREF <https://saref.etsi.org/>

Sabiex jiżdedu l-investimenti fl-enerġija sostenibbli, irid ikun hemm disponibbli flussi kapitali differenti billi jiġu indirizzati kemm il-provvista kif ukoll id-domanda tal-finanzi, u billi jintużaw il-fondi pubbliċi b'mod effettiv. L-attivitajiet sekondarji tal-provvista jinkludu: il-ġbir tad-*data*, il-metodoloġija u l-ġestjoni tar-riskju bbażata fuq l-evidenza; l-armonizzazzjoni tad-definizzjoni u l-kejl ta' investimenti sostenibbli; l-iżvilupp ta' mekkaniżmi, prodotti, servizzi u prattiki innovattivi ta' finanzjament; l-istandardizzazzjoni u l-aggregazzjoni ta' proġetti u investimenti; is-simplifikazzjoni tal-proċess għall-investituri; il-bini tal-kapaċitajiet u d-djalogu. L-attivitajiet jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-finanzi sostenibbli³².

- **L-appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti ta' investment lokali u reġjonali:**

Il-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi lokali u tal-investituri privati, b'mod partikolari l-investituri kollettivi komunitarji. Jiġi ffaċilitat id-djalogu mas-settur finanzjarju biex jiġu pprovduti investimenti fl-enerġija sostenibbli, inklużi azzjonijiet imfassla apposta biex jikkontribwixxu għal soċjetà ġusta u għal tranżizzjoni ġusta tal-enerġija fir-reġjuni tal-UE li huma l-aktar dipendenti fuq il-fjuwils fossili jew fuq proċessi b'użu intensiv tal-karbonju. Il-promozzjoni tal-akkwist pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi. L-appoġġ tal-approċċi mfassla apposta għall-atturi lokali biex jiżviluppaw kunċetti ta' investment, jimplimentaw innovazzjonijiet organizzazzjonali u proġetti aggregati. It-titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq u l-iżvilupp ta' offerti ġodda ta' servizzi integrati għall-enerġija sostenibbli fil-bini, fit-trasport, fil-portijiet u fl-SMEs.

- **L-involvement taċ-ċittadini u l-għoti tas-setgħa lilhom fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa:**

L-appoġġ liċ-ċittadini fit-teħid ta' rwol attiv fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, inkluż appoġġ immirat għal azzjonijiet kollettivi, inizjattivi mmexxija mill-komunità u miċ-ċittadini u l-iżvilupp ta' servizzi tal-enerġija ġodda u innovazzjonijiet soċjali. It-tiħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u l-inizjattivi mmexxija miċ-ċittadini. L-appoġġ tal-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex itaffu l-faqar enerġetiku. It-trawwim tal-litteriżmu fl-enerġija u l-imġiba taċ-ċittadini dwar l-enerġija sostenibbli, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh.

3. L-ALLOKAZZJONI TA' FONDI

L-allokkazzjoni pluriennali ta' fondi f'kull sottoprogramm bejn tipi differenti ta' finanzjament (f'miljuni ta' EUR) tidher fit-tabella ta' hawn taħt għall-perjodu 2021-2024³³.

Aktar dettalji dwar l-allokkazzjoni ta' fondi għal kull tip ta' għotjiet, inkluż l-ammont massimu għal SNAPS u SIPs huma ppreżentati taħt it-taqsim 4.1.2 hawn taħt.

F'miljuni ta' Euro	Ammonti allokatati għal proġetti skont l-Artikolu 9.3 tar-Regolament LIFE	Attivitajiet oħra	Total (1)+(2)+(3) +(4)
---------------------------	--	--------------------------	-------------------------------

³² https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/sustainable-finance_mt.

³³ Għas-sottoprogramm CET Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa l-għotjiet tal-OAs se jinkludu CSA u Għotjiet lil benefiċjarju identifikat skont l-Artikolu 195 (f) tar-Regolament Finanzjarju

Sottoprogramm ammonti f' miljuni ta' EUR	(1) Proġetti ffinanzjati permezz ta' għotjiet	(2) Operazzjonijiet ta' taħlit	(3) Proġetti ffinanzjati permezz ta' forum oħra ta' finanzjament	(4) Attivitajiet iffinanzjati permezz ta' akkwist u mhux koperti taħt (3)	
1. Natura u bijodiversità	926.69	7.50	70.93	98.42	1,103.54
2. Ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja	599.29	7.50	45.28	45.48	697.54
3. Il-Mitigazzjoni fil-Klima u l-Adattament Għaliha	419.07	0.00	45.25	41.20	505.52
4. It-tranzizzjoni lejn Energija Nadifa	412.22	0.00	85.00	29.86	527.08
TOTAL	2,357.27	15.00	246.46	214.96	2,833.68

Nota: Dawn l-ammonti ma jinkludux l-infiq ta' appoġġ, li jammonta għal EUR 106 miljuni.

L-allokkazzjoni bejn it-tipi differenti ta' finanzjament hija ta' natura indikattiva. Il-modifiki huma possibbli fil-limiti li ġejjin:

- f'konformità mal-Artikolu 5.4 tar-regolament LIFE, mill-inqas 60 % tar-riżorsi baġitarji allokat għal proġetti appoġġati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni taħt Ambjent għandhom ikunu ddedikati għal għotjiet għal proġetti li jappoġġaw is-sottoprogramm Natura u Bijodiversità;
- f'konformità mal-Artikolu 9.3 tar-Regolament LIFE, mill-inqas 85 % tal-baġit għall-Programm LIFE għandu jiġi allokat għal għotjiet, għal strumenti finanzjarji fil-forma ta' operazzjonijiet ta' taħlit u għal proġetti ffinanzjati permezz ta' forum oħra ta' finanzjament sal-punt speċifikat taħt it-taqsima 5.5;

L-azzjonijiet allokat għal proġetti skont l-Artikolu 9.3 tar-Regolament LIFE jammontaw għal EUR 2,372.27 miljun, li jirrappreżentaw 83.7 % tal-baġit tal-programm LIFE (inkluż l-infiq ta' appoġġ).

- skont l-Artikolu 18.4 tar-Regolament LIFE, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-fondi mhux użati f'sejħa partikolari għall-proposti jiġu riallokati bejn it-tipi differenti ta' azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11.2 tar-Regolament LIFE fl-istess qasam.

Il-fondi ta' hawn fuq jistgħu jiġu ġestiti b'mod dirett jew indirett ta' ġestjoni fil-limiti tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regolament LIFE.

4. GĦOTJIET

L-ammont indikattiv ġenerali ddedikat għall-għotjiet għall-perjodu 2021-2024 huwa ta' EUR 2,357.27 biljun, li minnhom 97.65 % huma assenjati b'mod indikattiv għal għotjiet ta' azzjoni u 2.35 % għal għotjiet operatorji.

Ċifri għal kull tip ta' azzjoni u, fejn rilevanti, oqsma ta' intervent huma pprovduti hawn taħt. F'konformità mal-Artikolu 18.4 tar-Regolament LIFE, il-fondi mhux użati minn sejħa għal proposti jistgħu jiġu riallokati bejn it-tipi differenti ta' azzjonijiet fl-istess qasam.

F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament LIFE, l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm LIFE jenħtieġ li jkunu eċċezzjonalment miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali tal-pajjiżi terzi kollha li ma humiex assoċjati mal-Programm LIFE li jipprevedu li:

- il-parteċipazzjoni tagħhom hija meħtieġa għall-ilħuq tal-obiettivi tal-azzjoni biex tiġi żgurata l-effettività tal-interventi mwettqa fl-Unjoni u/jew f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej marbuta magħha u;
- huma jħallsu, fil-prinċipju, l-ispiża tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-azzjoni.

Tip ta' azzjoni	Allokazzjoni f' miljuni ta' Euro					Ir-rata ta' kofinanzjament ³⁴	Perjodu massimu ta' eliġibbiltà
	Is-sottoprogramm Natura u Bijodiversità	Is-sottoprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja	Is-sottoprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih	Is-sottoprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa	Total		
Proġetti ta' Azzjoni Standard	547.77	350.30	280.44	20.50	1,199.01	Massimu ta' 60 % Massimu ta' 67 % jew massimu ta' 75 % f'kundizzjonijiet speċifiċi	10 snin
Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura	280.00				280.00	Massimu ta' 60 %	14-il sena
Proġetti Integrati Strateġiċi		210.70	125.00	0.00	335.70	Massimu ta' 60 %	14-il sena
Assistenza Teknika	15.42	13.28	2.85	1.60	33.16	Massimu ta' 60 % Massimu ta' 95 % f'kundizzjonijiet speċifiċi	5 snin
Azzjonijiet Oħra	55.50	19.00	0.30	379.12	453.92	Massimu ta' 95 % Massimu ta' 100 % għall-kontinwazzjoni tal-programm BEST	10 snin
Għotjiet operazzjonali	28.00	6.00	10.48	11.00	55.48	Massimu ta' 70 %	3 snin
Total	926.69	599.29	419.07	412.22	2,357.27		

³⁴ Ir-rata ta' kofinanzjament tiġi kkalkolata mill-infiq eliġibbli għall-proġett.

Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament LIFE u tar-Regolament Finanzjarju, xi wħud mill-attivitajiet elenkati hawn taħt jistgħu jiġu implimentati b'mod ta' ġestjoni indiretta fejn xieraq filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-implimentazzjoni tagħhom.

4.1. Għotjiet ta' Azzjoni

F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament LIFE, il-programm LIFE jista' jipprovdi tipi differenti ta' għotjiet ta' azzjoni:

- (1) Proġetti ta' Azzjoni Standard (SAPs);
- (2) Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura (SNAPs);
- (3) Proġetti Integrati Strateġiċi (SIPs);
- (4) Proġetti ta' Assistenza Teknika (TAPs);
- (5) Azzjonijiet Oħra (OAs).

4.1.1. Proġetti ta' Azzjoni Standard (SAPs)

Dawn il-proġetti jirrappreżentaw il-proġetti tradizzjonali LIFE mmirati biex:

- jiżviluppaw, juru u jipromwovu tekniki, metodi u approċċi innovattivi;
- jikkontribwixxu għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aħjar prattiki;
- jappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi jtejbju l-governanza fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involvement tas-soċjetà ċivili;
- jikkatalizzaw il-varar fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet ta' suċċess tekniċi u relatati mal-politika għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-oġettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u jimmobilizzaw l-investment u jtejbju l-aċċess għall-finanzi³⁵.

L-ammont indikattiv allokat għall-SAPs għall-perjodu 2021-2024 huwa ta' EUR 1,999 biljun, li minnhom EUR 13-il miljun se jiġu allokati minn qabel għall-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. F'konformità mal-Artikolu 18.4 tar-Regolament LIFE, il-fondi mhux użati minn sejħa għal proposti jistgħu jiġu riallokati bejn it-tipi differenti ta' azzjonijiet fl-istess qasam.

4.1.1.1. Ir-rata ta' kofinanzjament

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-SAPs, bħala regola, ma għandhiex taqbeż is-60 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-proġett, bl-eċċezzjoni tal-proġetti għan-Natura u l-Bijodiversità li jikkonċernaw:

- kwalunkwe habitat jew speċi ta' prijorità għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats), kif elenkat fl-annessi rilevanti ta' din id-Direttiva;
- kwalunkwe speċi ta' għasafar meqjusa bħala "prijorità għall-finanzjament" mill-Kumitat tal-Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku stabbilita skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/147/KE (id-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar);
- kwalunkwe tip ta' habitat jew speċi elenkata fl-annessi tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li l-istat ta' konservazzjoni tagħha ġie vvalutat bħala mhux favorevoli-ħażin u b'xejra

³⁵ L-Artikolu 2 (4) u l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament LIFE

ta' tnaqqis (U2-) fl-aktar valutazzjonijiet riċenti disponibbli tar-reġjun bijoġeografiku fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;

- kwalunkwe tip ta' habitat jew speċi (għajr speċi ta' għasafar) li l-istat ta' theddida fil-livell tal-UE tiegħu ġie vvalutat bħala "fil-periklu" jew aġġar fl-aktar verżjoni aġġornata ppubblikata fil-Listi Ħomor ta' speċijiet u habitats Ewropej (https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/redlist/index_mt.htm; u https://ec.europa.eu/environment/nature/knowledge/redlist_mt.htm), inkluż f'territorji mhux koperti minn dawn il-listi;
- kwalunkwe habitat jew speċi oħra f'territorji mhux koperti mil-listi l-ħomor tal-ispeċijiet u tal-habitats Ewropej, li l-istat ta' theddida tagħha ġie vvalutat bħala "fil-periklu" jew aġġar fl-aktar verżjoni aġġornata ppubblikata tal-listi l-ħomor globali tal-IUCN tal-ispeċi jew tal-habitats.

Għal dawn il-proġetti tan-natura u tal-bijodiversità, ir-rata ta' kofinanzjament tista' tilħaq 75 % tal-ispejjeż eliġibbli totali dment li dak il-proġett jimmira esklussivament habitats u/jew speċijiet ta' prijorità kif deskritt hawn fuq. Fil-proposta tagħhom l-applikanti se jkollhom bżonn jargumentaw li l-azzjonijiet kollha jkunu mfassla b'mod ċar għall-benefiċċju tal-habitats jew tal-ispeċi li jikkwalifikaw għal kofinanzjament ta' 75 %.

Inkella proġett li jimmira habitats u/jew speċijiet kemm ta' prijorità kif ukoll dawk mhux ta' prijorità jista' jirċievi sa rata ta' kofinanzjament ta' 67 %, dment li dawk l-ispeċijiet jew il-habitats ta' prijorità jirrappreżentaw fokus ċar tal-proġett u l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet tiegħu huma mfassla biex jimmiraw b'mod espliċitu l-ispeċijiet jew il-habitats ta' prijorità b'mod dirett, u b'hekk iġibu magħhom benefiċċji diretti konkreti. Proposti li jelenkaw speċijiet jew habitats ta' prijorità li se jibbenefikaw biss b'mod indirett mill-azzjonijiet previsti jew fejn dawk l-ispeċijiet jew il-habitats jirrappreżentaw biss mira minuri mhux se jkunu eliġibbli għar-rata ta' kofinanzjament ta' 67 %.

4.1.1.2. Perjodu ta' eliġibbiltà

Il-perjodu massimu ta' eliġibbiltà għall-SAPs għandu jkun ta' 10 snin. Dan huwa ġġustifikat meta titqies il-kumplessità ta' ċerti proġetti u l-fatt li jistgħu jkunu meħtieġa estensjonijiet għal avvenimenti mhux previsti (eż. kundizzjonijiet estremi tat-temp).

4.1.2. Proġetti strateġiċi (SP)

L-SP jinkludu:

- (1) Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura;
- (2) Proġetti Integrati Strateġiċi.

4.1.2.1. Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura (SNAPs)

Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament LIFE, l-SNAPs jappoġġaw l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità billi jimplementaw programmi ta' azzjoni koerenti fl-Istati Membri sabiex jintegraw dawn l-oġġettivi u prijoritajiet f'politiki u fi strumenti ta' finanzjament oħra, inkluż permezz ta' implimentazzjoni koordinata tal-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità (PAF) stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE.

L-SNAPS se jimmiraw l-istrateġiji u l-pjanijiet li ġejjin:

- Il-PAF skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (id-Direttiva dwar il-Habitats) u;
- Pjanijiet jew strateġiji oħra adottati fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali jew multireġjonali mill-awtoritajiet tan-natura u tal-bijodiversità li jimplementaw il-politika

jew il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-natura u/jew il-bijodiversità u jinkludu azzjonijiet speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, jew miri, bi skeda ta' żmien u baġit ċari.

L-SNAPs jibnu fil-biċċa l-kbira fuq l-esperjenza bi proġetti integrati għan-natura taħt il-programm LIFE 2014-2020. Madankollu, filwaqt li l-proġetti integrati fin-natura ffukaw esklussivament fuq l-implimentazzjoni tal-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità (PAFs), l-SNAPs għandhom ambitu usa' f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, u jiffokaw aktar fuq l-integrazzjoni.

Skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri (jew tar-reġjuni) partikolari kif identifikati fil-PAFs tagħhom jew fi pjanijiet oħra dwar in-natura u l-bijodiversità (li jridu jkunu disponibbli sa meta tiġi sottomessa proposta sħiħa SNAP), is-sett ta' miżuri li jridu jiġu inklużi fi programm SNAP ta' azzjonijiet għandu jinkludi dan li ġej:

- l-appoġġ istituzzjonali u l-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet;
- il-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' finanzi addizzjonali għal azzjonijiet komplementari, b'mod partikolari minn strumenti u programmi oħra ta' finanzjament tal-UE.

Barra minn hekk, l-SNAPs jistgħu jinkludu wkoll miżuri konkreti ta' konservazzjoni, b'mod partikolari fejn dawn ma jistgħux jiġu appoġġati permezz ta' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE.

L-awtoritajiet kompetenti għan-natura u l-bijodiversità u responsabbli għall-implimentazzjoni tal-PAF, għandhom jipparteċipaw fil-proposti tal-SNAP, jew bħala applikant jew, f'każijiet debitament ġustifikati, bħala benefiċjarji assoċjati.

Id-distribuzzjoni indikattiva tal-SNAPs, fil-perjodu 2021-2027, jenħtieġ li tkun kif ġej:

Referenza: <i>Data tal-Eurostat</i>	Pajjiżi	Koeffiċjent
Stati Membri ta' daqs iżgħar (inqas minn 30,000 km ²)	Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja	1
Daqs medju Stati Membri (bejn 30,000 u 100,000 km ²)	L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja	2
Stati Membri ta' daqs akbar (aktar minn 100,000 km ²):	il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja	3

Il-koeffiċjent attribwit għal kull grupp ta' pajjiżi jindika d-daqs indikattiv tal-appoġġ ipprovdut għal kull pajjiż permezz tal-SNAPs fil-perjodu 2021-2027.

Il-koeffiċjent fit-tabella ta' hawn fuq jipprovdi indikazzjoni għas-sehem tal-kofinanzjament tal-UE li huwa disponibbli għall-SNAPs fl-2021-27, filwaqt li jitqies li l-koeffiċjent 1 jikkorrispondi b'mod indikattiv għal EUR 10 miljun ta' kofinanzjament tal-UE, il-koeffiċjent 2 sa EUR 20 miljun ta' kofinanzjament tal-UE u EUR 30 miljun għall-koeffiċjent 3. Filwaqt li l-Istati Membri kollha huma mħeġġa biex jissottomettu proposta waħda kbira ta' SNAP li l-volum finanzjarju tagħha jenħtieġ li jkun ibbażat fuq it-tabella ta' hawn fuq, l-appoġġ LIFE jista' jinqasam fi tnejn minn aktar SNAPs fl-Istati Membri fejn dan ikun iġġustifikat kif

xieraq. Sabiex tiġi żgurata l-ogħla kopertura ġeografika possibbli tal-Istati Membri tal-UE mill-SNAPs sal-2027, l-awtoritajiet reġjonali li qed jikkunsidraw li jissottomettu SNAP huma mħeġġa bil-qawwa biex jingħaqdu ma' reġjuni oħra meta jkunu qed iħejju l-proposta tagħhom.

Filwaqt li jipprova jiżgura bilanċ ġeografiku, l-għoti ta' għotjiet se jibqa' kompetittiv. Ma tingħata l-ebda għotja għal proposti li, wara l-evalwazzjoni, ma jkunux laħqu l-punteġġ minimu ta' suċċess. Il-finanzjament ta' proposta minn Stat Membru, li jkun għadu ma ngħatax għotja għal SNAPs, se jitqies bħala prijorità meta mqabbel ma' proposti oħra mill-Istati Membri li diġà għandhom SNAPs wieħed jew aktar, biss jekk jaqbeż il-punteġġ minimu ta' suċċess.

L-implimentazzjoni koordinata ta' SNAPs bejn l-Istati Membri hija mħeġġa ferm, billi jsir użu wkoll mill-pjattaformi tranżnazzjonali ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni pprovduti mill-istrateġiji makroreġjonali tal-UE, meta l-Istati Membri jipparteċipaw fi Strateġiji bħal dawn³⁶.

It-trikkib fiż-żmien bejn il-Proġetti Integrati dwar in-Natura u SNAPs fi Stat Membru/reġjun mhux eskluż *a priori*, jekk ikun hemm ċarezza dwar il-valur miżjud u l-komplementarjetà tematika tal-SNAP meta mqabbla mal-proġetti integrati.

4.1.2.2. Proġetti Integrati Strateġiċi (SIPs)

Skont l-Artikolu 2 (2) tar-Regolament LIFE, dawn il-proġetti jappoġġaw l-implimentazzjoni fuq skala reġjonali, multireġjonali, nazzjonali jew tranżnazzjonali, ta' strateġiji ambjentali jew klimatiċi jew pjanijiet ta' azzjoni żviluppatti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u meħtieġa minn leġiżlazzjoni jew minn politika speċifika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent jew tal-klima jew waħda rilevanti fil-qasam tal-enerġija, filwaqt li jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati jkunu involuti u jippromwovu l-koordinazzjoni ma' mill-inqas sors ta' finanzjament wieħed ieħor tal-Unjoni, nazzjonali jew privat u l-mobilizzazzjoni tiegħu.

L-istrateġiji u l-pjanijiet immirati mill-SIPs se jkunu dawn li ġejjin:

- Taħt is-sottoprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja:
 - Ekonomija Ċirkolari: Pjanijiet ta' Azzjoni, Strateġiji, Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali jew Reġjonali dwar l-Ekonomija Ċirkolari jew simili³⁷, li
 - ikunu approvati uffiċjalment;
 - jinkludu azzjonijiet speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, jew miri, bi skeda ta' żmien ċara u;

³⁶ L-istrateġiji makroreġjonali tal-UE huma oqfsa ta' kooperazzjoni għal koordinazzjoni aħjar tal-azzjonijiet u l-fondi f'żona ġeografika tranżnazzjonali speċifika (makroreġjun) u għandhom l-ambjent (inkluż il-protezzjoni tan-natura) u l-klima bħala prijorità komuni. Il-karatteristiċi ewlenin tal-Istrateġiji huma l-approċċ transsettorjali, il-governanza f'diversi livelli u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati. Għall-informazzjoni: https://ec.europa.eu/regional_policy/mt/policy/cooperation/macro-regional-strategies/

³⁷ Pjan ta' Azzjoni, Strateġija, Pjan Direzzjonali dwar l-Ekonomija Ċirkolari jew simili huwa dokument uffiċjali, adottat permezz tal-proċedura leġiżlattiva rilevanti fil-livell nazzjonali jew reġjonali, li jintroduċi viżjoni u jipproponi kors ta' azzjonijiet/politiki biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fil-livell nazzjonali jew reġjonali, f'konformità mal-obiettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Ċirkolari. Id-dokument jenħteġ li jkollu approċċ komprensiv, immirat – fost l-oħrajn – lejn iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u/jew tal-materjali. Sabiex jitqies bħala eliġibbli, il-pjan irid ikollu miri, azzjonijiet jew miżuri speċifiċi u li jistgħu jitkejlu – bi skedi ta' żmien ċari – li jippermettu t-traċċar tal-kontribuzzjoni tal-IP għall-implimentazzjoni tagħha. Id-denominazzjoni tista' tvarja eż. strateġiji dwar l-ekonomija ċirkolari, pjanijiet direzzjonali tal-ekonomija ċirkolari, oqfsa tal-ekonomija ċirkolari, eċċ. Il-pjanijiet jenħteġ li preferibbilment jgħaqqdu l-oqsma tal-politika, u jinvolvu koordinazzjoni multiministerjali. Il-Kummissjoni tqis dawn l-istrateġiji ta' qafas bħala wieħed mill-aktar modi effettivi għall-progress tal-ekonomija ċirkolari fl-Istati Membri u thegheg bil-qawwa lill-Istati Membri biex jadottawhom u jimplimentawhom.

- ikunu konformi mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Ċirkolari jew jikkumplementawhom.
- L-iskart: Il-Pjanijiet tal-Immaniġġjar tal-Iskart (WMPs) nazzjonali u reġjonali skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u/jew il-Programmi għall-Prevenzjoni tal-Iskart kif mitlub mill-Artikolu 29 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart;
- L-ilma: Il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċir tax-xmara (RBMPs) skont l-Anness VII tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, il-Pjanijiet għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar (FRMPs) skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, l-Istrateġiji Marini skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina;
- L-arja: Pjanijiet dwar il-Kwalità tal-Arja skont id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent jew il-Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (NAPCP) skont id-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet.
- Taħt is-sottoprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih:
 - Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP, ir-Regolament dwar il-governanza tal-unjoni tal-enerġija u l-azzjoni klimatika (UE) 2018/1999);
 - Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija (NEEAP);
 - Strateġiji jew pjanijiet ta' azzjoni ta' adattament nazzjonali jew reġjonali;
 - Pjanijiet ta' azzjoni urbani jew ibbażati fuq il-komunità li jniedu t-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima u/jew reżiljenti għall-klima;
 - Strateġiji nazzjonali, reġjonali jew speċifiċi għall-industrija/għas-settur għall-mitigazzjoni tal-gassijiet serra jew pjanijiet direzzjonali tal-ekonomija li jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika.

Il-Kummissjoni se ttipprova tiżgura l-kopertura ġeografika massima għall-SIPs billi talloka b'mod indikattiv mill-inqas SIP wieħed għal kull Stat Membru taħt kull sottoprogramm.

Għall-SIPs fuq skala tranżnazzjonali, huwa mhegġegħ l-użu tal-pjattaformi tranżnazzjonali ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni pprovduti mill-istrateġiji makroreġjonali tal-UE, meta l-Istati Membri jipparteċipaw fi Strateġiji bħal dawn.

4.1.2.3. Ammonti massimi

B'segwitu għall-esperjenza pożittiva miksuba bil-proġetti integrati taħt LIFE 2014-2020, l-ammont totali massimu allokati għall-SNAPs se jkun ta' EUR 280 miljun, li jirrappreżenta 30 % tal-baġit globali allokati għall-għotjiet lis-sottoprogramm għan-Natura u l-Biodiversità. L-ammont totali massimu allokati għall-SIP taħt is-subprogramm l-Ekonomija Ċirkolari u l-Kwalità tal-Ħajja u l-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Adattament Għalih se jkun ta' EUR 336 miljun u 33 % tal-baġit globali allokati għall-għotjiet lil dawn is-sottoprogrammi. L-ammont globali allokati għall-SNAPs u l-SIPs se jkun madwar 26 % tal-baġit ġenerali LIFE allokati għall-għotjiet.

4.1.2.4. Ir-rata ta' kofinanzjament

Għall-SNAPs u l-SIPs ir-rata ta' kofinanzjament ma għandhiex taqbeż is-60 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-proġett.

4.1.2.5. Perjodu ta' eliġibbiltà

Meta jitqies li l-pjanijiet strateġiċi jkopru l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet, il-perjodu massimu ta' eliġibbiltà għandu jkun ta' 14-il sena.

4.1.3. Il-Proġetti ta' Assistenza Teknika (proġetti TA)

Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament LIFE, il-proġetti TA jistgħu jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

- Il-parteċipazzjoni fi proġetti ta' azzjoni standard u t-tnejn ta' SNAPs u SIPs (TA-PP);
- It-tnejn għall-iffaċilitar tat-titjib u r-replikazzjoni tar-riżultati minn proġetti oħra ffinanzjati mill-Programm LIFE, mill-programmi preċedenti tiegħu jew minn programmi oħra tal-Unjoni u għall-aċċess ta' strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni (TA-R);
- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri b'parteċipazzjoni effettiva baxxa għall-programm LIFE bl-għan li jittejjbu s-servizzi tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali madwar l-UE u li tiżdied il-kwalità ġenerali tal-proposti sottomessi (TA-CAP).

L-ammont indikattiv għall-proġetti ta' TA huwa ta' EUR 33.16 miljun. Dan jista' jiżdied bl-ammont previst għat-taħlit ta' hawn taħt (ara t-taqsimha 5.3.1), f'każ li, filwaqt li jitqies l-istadju relatat tal-iżvilupp tal-investment, ikun xieraq li jingħataw għotjiet li ma jkunux akkumpanjati minn strumenti finanzjarji.

Il-preallokazzjoni indikattiva tal-fondi li ġejja hija prevista fl-2021-2024, filwaqt li jitqies li l-fondi mhux użati jistgħu jiġu riallokati bejn tipi differenti ta' proġetti taħt l-istess qasam f'konformità mal-Artikolu 18.4 tar-Regolament LIFE:

- għal TA-PP b'mod indikattiv EUR 3.16-il miljun;
- għal TA-CAP, EUR 9 miljun;
- għal TA-R madwar EUR 21 miljun.

4.1.3.1 Rata ta' kofinanzjament

Ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-proġetti ta' TA se tkun ta' 60 % tal-ispejjeż eliġibbli, bl-eċċezzjoni tal-proġetti biex tittiejeb il-parteċipazzjoni effettiva fil-programm LIFE (TA-CAP). Dawn il-proġetti relatati mal-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kif definiti fl-Artikolu 11.4 tar-Regolament LIFE, se jkollhom rata massima ta' kofinanzjament ta' 95 % tal-ispejjeż eliġibbli skont l-Artikolu 9.4 tar-Regolament LIFE.

4.1.3.2 Proġetti għat-tnejn ta' SNAPs jew SIPs (TA-PP)

Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ finanzjarju biex jgħinu lill-applikanti jħejju SNAP jew SIP għal kontribuzzjoni massima LIFE ta' EUR 70,000.

Dawn jirrappreżentaw il-kontinwazzjoni tal-proġetti ta' assistenza teknika ffinanzjati taħt il-programm LIFE 2014-2020.

4.1.3.3. Proġetti li jiffaċilitaw it-tkabbir jew ir-replikazzjoni tar-riżultati (TA-R)

Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jiffaċilitaw it-titjib jew ir-replikazzjoni tar-riżultati ffinanzjati taħt il-programm LIFE jew, fejn rilevanti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-programm LIFE, taħt fondi oħra tal-UE, inkluż billi jittejjja l-aċċess għal strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Dawn il-proġetti jistgħu jikkofinanzjaw l-attivitajiet meħtieġa:

- (1) biex jittejjja t-titjib u/jew ir-replikazzjoni tar-riżultati ta' proġetti LIFE preċedenti jew ta' programmi oħra tal-Unjoni;
- (2) biex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' operazzjoni li tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-LIFE għall-InvestEU jew għal strumenti finanzjarji oħra.

Dan l-appoġġ għall-investment u r-replikazzjoni jidher strateġiku bl-għan li jappoġġja l-materjalizzazzjoni ta' investimenti ekoloġiċi fil-prattika.

Ir-riżorsi finanzjarji se jkunu disponibbli għall-finanzjament ta' investimenti ekoloġiċi – pereżempju l-ħolqien ta' inizjattiva ġdida dwar il-kapital naturali u l-ekonomija ċirkolari taħt InvestEU li se timmobilizza mill-inqas EUR 10 biljun matul l-10 snin li ġejjin, li minnhom, EUR 3 biljun huma previsti għall-perjodu 2021-2024. Madankollu, id-domanda għall-investimenti fi proġetti ambjentali spiss tiffaċċja ostakli kbar, bħal kapaċità amministrattiva limitata tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, nuqqas ta' koxjenza u għarfien espert dwar is-sostenibbiltà tal-promoturi pubbliċi u privati, perċezzjoni ta' riskju għoli, hteġa li jkun hemm perspettiva fit-tul għar-redditu finanzjarju tal-investimenti u t-tħassib dwar il-bankabbiltà tal-proġetti.

Dan jimplika l-hteġa għal appoġġ finanzjarju dedikat li għandu l-għan li jgħin fl-istabbiliment ta' sensiela ta' proġetti innovattivi u sostenibbli.

Dan l-appoġġ finanzjarju jista' jieħu l-forma ta' għotjiet għat-twettiq ta' xi studji preliminari jew taħlit f'każ li l-għotjiet ikunu akkumpanjati minn riżorsi li jitħallsu lura, bħal self, finanzjament ta' ekwità jew appoġġ baġitarju (ara t-taqsim 5.3.1).

4.1.3.4. Proġetti għall-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri b'parteċipazzjoni effettiva baxxa (TA-CAP)

Dawn il-proġetti ta' TA għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex itejbu l-parteċipazzjoni effettiva fil-programm LIFE.

Parteċipazzjoni effettiva baxxa: definizzjoni

Il-kunċett ta' "parteċipazzjoni effettiva baxxa" jinkludi l-kunċetti ta' parteċipazzjoni baxxa u parteċipazzjoni ineffettiva.

Dawn iż-żewġ elementi se jiġu ponderati, kif indikat fil-premessa 32 tar-Regolament LIFE: mill-popolazzjoni u d-densità tal-popolazzjoni, miż-żona totali tas-siti ta' Natura 2000 għal kull Stat Membru espressa bħala proporzjon taż-żona totali ta' Natura 2000, u mill-proporzjon tat-territorju ta' Stat Membru kopert mis-siti ta' Natura 2000.

Il-fattur tal-Istat Membru, MSf, se jqis:

- A = il-popolazzjoni (% tal-popolazzjoni tal-UE)
- B = id-densità tal-popolazzjoni (% meta mqabbel mal-ogħla densità tal-popolazzjoni)
- C = iż-żona ta' Natura 2000 (% tat-total taż-żona ta' Natura 2000 tal-UE)
- D = iż-żona ta' Natura 2000 (% tat-total taż-żona tal-Istat Membru)

Peress li s-sottoprogramm Natura u Bijodiversità jirrappreżenta madwar 40 % tal-baġit totali, C u D se jitqiesu sa 40 %.

$$MSf = (A+B) * 40 \% (C+D)$$

Għad-definizzjoni ta' "parteċipazzjoni effettiva baxxa", il-Kummissjoni beħsiebha tqis żewġ kriterji:

1. parteċipazzjoni baxxa: pajjiż jirreġistra parteċipazzjoni baxxa meta r-rata ta' propositi sottomessi diviża bil-fattur ta' hawn fuq għal dak il-pajjiż tkun fost iż-żewġ terzi l-aktar baxxi;
2. parteċipazzjoni ineffettiva: pajjiż jesperjenza parteċipazzjoni mhux effettiva meta r-rata ta' suċċess (l-għadd ta' proġetti mogħtija mill-propositi sottomessi) diviża bil-fattur ta' hawn fuq għal dak il-pajjiż tkun fost iż-żewġ terzi l-aktar baxxi.

Kwalunkwe pajjiż li jaqa' f'waħda miż-żewġ kategoriji msemmija hawn fuq se jitqies eliġibbli għal dawn il-proġetti.

Kull pajjiż jista' jingħata TA-CAP waħda biss għal parteċipazzjoni effettiva baxxa fil-perjodu kopert minn dan il-Programm ta' Ħidma Pluriennali.

Il-kalkolu biex tiġi ddeterminata l-lista ta' pajjiżi eliġibbli se jsir mill-Kummissjoni filwaqt li tqis l-aħħar tliet snin li għalihom id-*data* hija disponibbli. Ir-riżultati se jiġu ppreżentati lill-Istati Membri qabel it-tnedija ta' kull sejħa għal proposti.

Attivitajiet eliġibbli

Il-Kummissjoni tistenna li kull proposta tkun ibbażata fuq analiżi tal-ħtiġijiet li tidentifika l-aktar attivitajiet effettivi li jindirizzaw il-parteeipazzjoni baxxa u/jew ir-rata ta' parteċipazzjoni ineffettiva tat-tipi differenti ta' applikanti (organizzazzjonijiet pubbliċi, entitajiet privati u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili).

L-attivitajiet eliġibbli huma dawn li ġejjin:

- Azzjonijiet ta' implimentazzjoni bħal attivitajiet ta' taħriġ, kampanji ta' informazzjoni mmirati;
- Azzjonijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jiġi vvalutat l-impatt attwali tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni;
- Azzjonijiet ta' komunikazzjoni u tixrid;
- Azzjonijiet għall-ġestjoni tal-proġetti u l-kontroll tal-kwalità.

Il-Kummissjoni tistenna li l-baġit ikun proporzjonat għall-attivitajiet li se jiġu implimentati taħt kull proġett biex tiġi indirizzata r-rata baxxa u/jew ineffettiva ta' parteċipazzjoni tat-tipi differenti ta' applikanti.

4.1.3.5. Il-perjodu massimu ta' eliġibilità għall-implimentazzjoni tal-proġetti TA

Filwaqt li jitqiesu s-suġġetti differenti koperti mill-proġetti TA, il-perjodu massimu ta' eliġibilità għandu jkun ta' ħames snin.

4.1.4. Azzjonijiet Oħra (OA)

Il-Kummissjoni identifikat xi ħtiġijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' "Azzjonijiet Oħra".

F'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament LIFE, "Azzjonijiet Oħra" se jinkludu:

- Azzjonijiet ta' Koordinazzjoni u Appoġġ (CSA) għat-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli u għal aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Dawn għandhom l-għan li jkissru l-ostakli tas-suq li jxekklu t-tranżizzjoni soċjoekonomika lejn enerġija rinnovabbli u ż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, it-tixrid tal-informazzjoni u tal-għarfien, u s-sensibilizzazzjoni;
- Faċilità għal Għotjiet Żgħar dwar il-Bijodiversità (BEST);

Abbażi tal-esperjenza tal-iskemi ta' għotjiet żgħar fil-qafas tal-inizjattiva BEST tal-UE, se jitnedew sejħiet għal proposti għall-għoti ta' għotjiet żgħar (massimu ta' EUR 100,000 ta' kofinanzjament tal-UE) fir-Reġjuni Ultraperiferiċi u fil-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej dwar il-konservazzjoni tal-bijodiversità, ir-restawr tal-ekosistema u l-użu sostenibbli tas-servizzi tal-ekosistema, inklużi approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

- Il-proġetti żviluppati fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija³⁸ (EIT), b'mod partikolari l-proġetti li jikkontribwixxu għall-oġettivi u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari implimentat mill-universitajiet, mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, min-negozji u/jew l-SMEs li jipparteċipaw f'KKI;
- Għotjiet ta' azzjoni li huma ta' benefiċċju għall-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness I tar-Regolament LIFE (ara wkoll il-punt 2 tat-taqsima 4.3 hawn taħt);
- Proġetti addizzjonali li jirrispondu għall-prijoritajiet leġiżlattivi u ta' politika tal-Unjoni jistgħu jiġu ddeterminati wkoll fuq bażi annwali, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri (PLP).
- Proġetti speċifiċi oħra ffinanzjati skont l-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju biex jappoġġaw il-politiki tal-UE relatati mal-oqsma ta' azzjoni tal-ambjent u tal-klima li għandhom jiġu identifikati matul l-implimentazzjoni ta' dan il-programm ta' ħidma.

L-ammont indikattiv għall-OAs huwa ta' EUR 454 miljun.

Il-Kummissjoni se tkun aktar preskrittiva fid-definizzjoni tas-sejthiet għal proposti għal dawn l-azzjonijiet milli fil-każ ta' sejħa għal proposti minn isfel għal fuq, fejn l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u tas-soluzzjonijiet possibbli relatati tkun fil-kompetenza tal-applikanti.

4.1.4.1. Ir-rata ta' kofinanzjament

Ir-rata massima ta' kofinanzjament għal "Azzjonijiet Oħra" hija ta' 95 % tal-kostijiet eliġibbli, ħlief għall-għotjiet żgħar għall-bijodiversità fl-ORs u fl-OCTs li jikkostitwixxu l-kontinwazzjoni tal-programm BEST, fejn il-kofinanzjament tal-UE jkun massimu ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

4.1.4.2. Perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' "Azzjonijiet Oħra"

Filwaqt li jitqiesu s-suġġetti differenti koperti mill-"Azzjonijiet Oħra", il-perjodu massimu ta' eliġibbiltà għandu jkun ta' 10 snin.

4.2. Il-proċedura ta' sottomissjoni u għażla għall-għotjiet ta' azzjoni

Huma previsti proċeduri differenti għall-għoti ta' għotjiet ta' azzjoni. L-għażla tal-proċedura se tiddependi fuq iż-żmien disponibbli għat-tħabbir tas-sejħa u għall-evalwazzjoni tal-proposti u/jew il-volum mistenni tal-proposti taħt kull sottoprogramm:

- Proċedura fi stadju wieħed li se tintuża għal:
 1. proġetti ta' azzjoni standard
 2. proġetti TA u
 3. "Azzjonijiet Oħra".
- Proċedura f'żewġ stadji li se tintuża għal:
 - SNAPs u SIPs

Il-proċedura f'żewġ stadji tista' tintuża wkoll għall-proġetti ta' azzjoni standard.

³⁸ L-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) huwa korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea stabbilit fl-2008 biex iwassal l-innovazzjoni madwar l-Ewropa. L-EIT jgħaqqad flimkien l-organizzazzjonijiet ewlenin tan-negozju, tal-edukazzjoni u tar-riċerka biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi globali.

4.2.1. *Proċedura fi stadju wieħed għall-SAPs, proġetti TA u “Azzjonijiet Oħra”*

Il-proċedura fi stadju wieħed għandha tiġi organizzata kif ġej:

1. Wara sejħa għall-proposti, jiġu sottomessi proposti sħaħ;
2. Il-proposti jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mal-kriterji tal-ammissibbiltà, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-esklużjoni. Is-sekwenza tal-kontrolli tista' tiġi adattata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju biex tiġi żgurata l-effiċjenza massima tal-proċess ta' evalwazzjoni;
3. Evalwazzjoni sħiħa tal-proposta abbażi tal-kriterji għall-għoti elenkati hawn taħt:

1. Rilevanza (0-20)

- Ir-rilevanza tal-kontribuzzjoni għal wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi tal-programm LIFE u s-sottoprogramm fil-mira;
- Kemm il-proġett ikun konformi mad-deskrizzjoni inkluża fis-sejħa għall-proposti, inkluż, fejn rilevanti, il-prijoritajiet speċifiċi tiegħu;
- Is-solidità tal-loġika ġenerali tal-intervent;
- Kemm il-proġett joffri kobenefiċċji u jippromwovi sinerġiji ma' oqsma ta' politika oħrajn rilevanti għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika dwar l-ambjent u l-klima.

2. Kwalità (0-20)

- Ċarezza, rilevanza u fattibbiltà tal-pjan ta' ħidma;
- Fokus ġeografiku xieraq tal-attivitajiet;
- Il-kwalità tal-pjan għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-impatti;
- L-identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri proposti biex il-proġett u r-riżultati tiegħu jiġu kkomunikati u mxerrda lil gruppi fil-mira differenti.

3. Impatt (0-20)

- L-ambizzjoni u l-kredibbiltà tal-impatti mistennija matul u/jew wara l-proġett minħabba l-attivitajiet proposti, inklużi l-impatti negattivi potenzjali fuq l-objettivi speċifiċi l-oħrajn tal-programm LIFE, inkluż l-iżgurar li ma ssir l-ebda ħsara sostanzjali lil dawk l-objettivi.
- Is-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġett wara t-tmiem tal-proġett.
- Il-potenzjal li r-riżultati tal-proġett jiġu replikati fl-istess setturi jew f'setturi oħra, jew fl-istess postijiet jew f'postijiet oħra, jew li jitpoġġew fuq skala akbar minn atturi pubbliċi jew privati jew permezz tal-mobilizzazzjoni ta' investimenti jew riżorsi finanzjarji akbar (potenzjal katalitiku).
- Il-kwalità tal-miżuri għall-isfruttament tar-riżultati tal-proġett.

4. Riżorsi (0-20)

- Il-kompożizzjoni tat-tim tal-proġett - ta' konsorzju jew ta' benefiċjarju uniku - f'termini ta' għarfien espert, ħiliet u responsabbiltajiet u adegwatezza tal-istruttura ta' ġestjoni.
- L-adegwatezza tal-baġit u tar-riżorsi u l-konsistenza tagħhom mal-pjan ta' ħidma propost.
- It-trasparenza tal-baġit, jiġifieri l-elementi ta' kost jenħtieġ li jiġu deskritti b'mod suffiċjenti.
- Kemm l-impatt ambjentali tal-proġett huwa meqjus u mtaffi, inkluż permezz tal-użu

ta' akkwist ekoloġiku. L-użu ta' metodi rikonoxxuti għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-proġett (eż. il-metodi PEF jew OEF jew metodi simili³⁹) jew sistemi ta' ġestjoni ambjentali (eż. EMAS) ikun ta' vantaġġ.

- Il-valur għall-flus tal-proġett propost.

4. Il-punteġġ tal-proposti

Kull kriterju se jingħata punteġġ fuq firxa ta' 0 sa 20 punt. Il-punteġġ minimu ta' suċċess għal kull kriterju huwa ta' 10 punti.

Il-punteġġ tal-kriterju "Impatt" se jingħata piż ta' 1.5: il-punti riċevuti minn kull proposta għall-kriterju tal-"impatt" se jiġu mmultiplikati b'1.5.

Il-limitu ġenerali ta' suċċess, li japplika għas-somma tal-punteġġi individwali ponderati huwa ta' 55 punt.

Il-punti ta' bonus li ġejjin se jiġu applikati għal proġetti ta' azzjoni standard, u, fejn rilevanti u kif definiti fis-sejħa għall-proposti, għall-proġetti ta' TA u għal "Azzjonijiet Oħra":

- BONUS 1: Il-proġett propost joffri sinerġiji eċċezzjonali u jipromwovi kobenefiċċji sinifikanti bejn is-sottoprogrammi LIFE. (żewġ punti).
- BONUS 2: Il-proġett huwa primarjament implimentat fir-Reġjuni Ultraperiferiċi. Fejn karatteristiċi reġjonali speċifiċi jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet indirizzati fis-sejħa għal proposti, eż. gżejjer għall-iskart, reġjuni b'użu intensiv tal-faħam għall-enerġija nadifa, eċċ...il-bonus jista' jiġi estiż għal żoni ġeografiki oħra bi ħtiġijiet u vulnerabbiltajiet speċifiċi (żewġ punti).
- BONUS 3: Il-proġett jibni b'mod sostanzjali fuq ir-riżultati ta' proġetti oħra ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea jew iżidhom.. (żewġ punti).
- BONUS 4: Il-proġett joffri potenzjal katalitiku eċċezzjonali. (żewġ punti).
- BONUS 5: Il-proġett jipprevedi kooperazzjoni tranżnazzjonali⁴⁰ fost l-Istati Membri li hija essenzjali biex tiggarrantixxi l-ilħuq tal-oġġettivi tal-proġett. (żewġ punti).

Il-bonusijiet huma bbażati fuq kriterji ta' iva/le. Huma ma jipprevedux gradazzjoni: jiġu assenjati 0 jew 2 punti għal kull proposta.

Dan ifisser li n-numru massimu ta' punti possibbli għal proposti għal proġetti ta' azzjoni standard huwa ta' 100, filwaqt li għal proposti oħra (jiġifieri għall-proġetti ta' TA u "Azzjonijiet Oħra" huwa ta' 90, flimkien ma' kwalunkwe bonus possibbli).

5. Il-klassifikazzjoni u t-tnejn tal-lista finali ta' proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati.

Il-proposti tal-proġett se jiġu kklassifikati, filwaqt li jiġi meqjus il-punteġġ ponderat ta' kull kriterju tal-għoti u l-punti ta' bonus, jekk ikun hemm. Se jkun hemm listi separati għal kull sottoprogramm u, fi ħdan kull sottoprogramm, fejn rilevanti għall-proġetti relatati mas-suġġetti ta' governanza u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

³⁹ Eż. PEFCRs/OEFSRs. Ara l-lista fuq https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/PEFCR_OEFSR_en.htm.

⁴⁰ "Kooperazzjoni tranżnazzjonali" għandha tinfiehem bħala li tinkludi l-kooperazzjoni bejn pajjiżi/reġjuni maġenb xulxin fuq iż-żewġ naħat ta' frontiera nazzjonali kif ukoll il-kooperazzjoni f'livell tranżnazzjonali/makroreġjonali akbar.

Il-lista ta' proġetti proposti għall-finanzjament se ssir filwaqt li jitqiesu l-proposti li laħqu l-limitu minimu u li għalihom hemm baġit disponibbli. Fil-każ ta' punteġġi ugwali, se jiġu ffinanzjati proposti bl-oġġla punteġġ taħt il-kriterju 3, impatt.

6. Lista ta' Riżerva u Siġill ta' Eċċellenza.

Il-lista ta' riżerva se tinkludi l-proġetti kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità (jiġifieri li jiksbu l-punteġġi minimi kollha ta' suċċess) iżda li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fid-dawl tal-baġit disponibbli. F'każ li jkunu disponibbli fondi addizzjonali, il-proġetti fil-listi ta' riżerva se jiġu ffinanzjati fl-ordni ta' klassifikazzjoni.

Fil-każ tal-proġetti ta' azzjoni standard, il-proġetti fil-lista ta' riżerva se jingħataw Siġill ta' Eċċellenza f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament LIFE.

Il-lista ta' proġetti tas-Siġill ta' Eċċellenza, flimkien ma' deskrizzjoni qasira ta' kull proġett, se tiġi trażmessa lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, u lill-membri tal-Kumitat LIFE għal distribuzzjoni ulterjuri lill-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew+ u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Dawn il-proġetti jista' jkollhom il-possibbiltà li jiġu ffinanzjati taħt l-istess kundizzjonijiet (rata ta' kofinanzjament, ammont u spejjeż eliġibbli) li għalihom kienu jiġu ffinanzjati taħt il-programm LIFE.

4.2.2. *Proċedura f'żewġ stadji għall-SAP*

Se tiġi applikata proċedura ta' għażla f'żewġ stadji għall-għoti tal-SAPs. Il-proċedura tal-għoti hija organizzata f'żewġ stadji: l-ewwel stadju jipprevedi s-sottomissjoni ta' nota kunċettwali. It-tieni stadju jipprevedi, għan-noti kunċettwali li għandhom possibbiltà raġonevoli li jingħataw għotja, is-sottomissjoni ta' proposta sħiħa. Jenħtieġ li din il-proċedura ma tiġix implimentata fl-2021 u fl-2022.

4.2.2.1. Stadju 1: nota kunċettwali

L-applikanti huma mitluba li jippreżentaw nota kunċettwali li tindika l-elementi ewlenin tal-proposta tagħhom. Dawn iridu jindikaw l-appoġġ finanzjarju mitlub.

1. Wara sejħa għall-proposti jiġu sottomessi n-noti kunċettwali.
2. In-noti kunċettwali jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mal-kriterji ta' ammissibbiltà u ta' eliġibbiltà.
3. In-noti kunċettwali jiġu evalwati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. Rilevanza u impatt (0-20)

- Ir-rilevanza tal-kontribuzzjoni għal wieħed jew aktar mill-oġġettivi speċifiċi tal-programm LIFE u s-sottoprogramm fil-mira.
- Kemm il-proġett ikun konformi mad-deskrizzjoni tas-suġġett tas-sejħa għall-proposta.
- Is-solidità tal-loġika ġenerali tal-intervent tal-proposti.
- L-ambizzjoni u l-kredibbiltà tal-impatti mistennija matul u/jew wara l-proġett minħabba l-attivitajiet proposti inklużi l-impatti negattivi potenzjali fuq l-oġġettivi speċifiċi l-oħra tal-programm LIFE. L-analiżi tal-impatt se tqis l-ispeċifità tal-proġett u l-ambitu ġeografiku tiegħu, inkluż, fejn rilevanti, il-ħtiġijiet partikolari taż-żoni ġeografiċi bi sfidi ambjentali ta' vulnerabbiltajiet speċifiċi u/jew restrizzjonijiet naturali.

2. Kwalità u riżorsi (0-20)

- Ċarezza, rilevanza u fattibbiltà tal-pjan ta' ħidma.

- Is-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġett wara t-tmiem tal-proġett.
- Valur għall-flus tal-proġett.

3. In-noti kunċettwali jingħataw punteġġ.

Kull kriterju se jingħata punteġġ fuq firxa ta' 0 sa 20 punt. Il-limitu ġenerali ta' suċċess, li japplika għas-somma tal-punteġġi individwali, huwa ta' 12-il punt minn 40 punt. In-noti kunċettwali li ma jilhqax il-limitu minimu se jiġu esklużi.

4. It-tnejn tal-lista tan-noti kunċettwali li għandhom jinżammu u l-istedina biex tiġi sottomessa proposta sħiħa

Il-lista twila ta' applikanti mistiedna biex jissottomettu proposta sħiħa se tinkludi l-aħjar klassifika tan-noti kunċettwali skont is-sottoprogramm li għalihom is-somma tal-kontribuzzjonijiet mitluba mill-UE tirrappreżenta minn darbtejn sa tliet darbiet il-baġit disponibbli. Il-proporzjon speċifiku bejn il-kontribuzzjoni mitluba mill-UE u l-baġit disponibbli se jiġi definit filwaqt li jitqies id-daqs tal-kontribuzzjonijiet mitluba kif ukoll ir-rata ta' suċċess tal-proposti sħaħ taħt is-sottoprogramm speċifiku f' sejħiet preċedenti. Se jkun hemm listi separati għal kull sottoprogramm u, fi kull sottoprogramm, għall-proġetti relatati mas-suġġetti ta' governanza.

4.2.2.2. Stadju 2: proposta sħiħa

1. Jiġu sottomessi proposti sħaħ.
2. Il-proposti jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mal-kriterji tal-ammissibbiltà, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-esklużjoni. Is-sekwenza tal-kontrolli tista' tiġi adattata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju biex tiġi żgurata l-effiċjenza massima tal-proċess tal-evalwazzjoni.
3. Il-proposti sħaħ jiġu evalwati abbażi tal-kriterji għall-għoti definiti għall-proċedura fi stadju wieħed, inklużi d-diversi bonusijiet.
4. Il-klassifikazzjoni tal-proposta u s-Siġill ta' Eċċellenza se japplikaw bħal fil-proċedura ta' stadju wieħed deskritta fit-taqsim 4.2.1.

4.2.3. Proċedura f'żewġ stadji għall-SP

Il-proċess tas-sottomissjoni u tal-għażla tal-SNAPs u tal-SIPs huwa bbażat fuq proċedura f'żewġ stadji u se japplika fis-sottoprogrammi kollha. Jenħtieġ li din tiffaċilita l-ħidma tal-applikanti potenzjali u li tiżgura li dawn jirċievu l-aħjar gwida possibbli matul il-proċess. Il-fluss tax-xogħol huwa strutturat b'tali mod li jakkumpanja l-iżvilupp progressiv ta' kull proposta u l-irfinar tagħhom. Il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-proposti kollha jiġi applikat matul il-fażijiet kollha tal-proċess ta' evalwazzjoni.

Proċedura f'żewġ stadji hija bbażata fuq is-sottomissjoni ta' nota kunċettwali segwita minn proposta sħiħa. Din hija organizzata kif ġej:

Stadju 1: nota kunċettwali

1. Wara sejħa għall-proposti jiġu sottomessi n-noti kunċettwali.
2. In-noti kunċettwali jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mal-kriterji tal-ammissibbiltà u tal-eliġibbiltà.

In-noti kunċettwali jiġu evalwati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. L-implimentazzjoni ta' pjanijiet jew strateġiji

- Il-proġett għandu l-għan li jimplementa l-pjanijiet jew l-istrateġiji msemmija taħt il-parti 4.1.2.

2. **Il-kopertura territorjali**

- L-implimentazzjoni tal-pjan jew tal-istrateġija fil-mira tal-Unjoni se tkopri żona territorjali vasta u rappreżentattiva, b'mod partikolari, dik reġjonali, multireġjonali, nazzjonali jew tranżnazzjonali. Approċċ b'diversi bliet jew skala territorjali iżgħar jistgħu jkunu aċċettabbli wkoll għall-SIPs li jitrattaw l-immuniġġjar tal-kwalità tal-arja dment li l-proġett jagħti impatt sostanzjali.

3. **Il-koordinazzjoni tal-fondi komplementari**

- L-attivitajiet se jimmobilizzaw finanzjament komplementari minn mill-inqas sors ta' finanzjament wieħed tal-Unjoni, nazzjonali jew privat, u jqisu finanzjament rilevanti ieħor tal-Unjoni Ewropea, nazzjonali jew privat.
- Il-finanzjament huwa komplementari għall-SNAPs u l-SIPs, u jintuża biex jappoġġa u jimplimenta l-attivitajiet meħtieġa komplementari għall-implimentazzjoni tal-pjan jew tal-istrateġija fil-mira.
- Il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni tal-finanzjament komplementari huma definiti b'mod ċar.

4. **L-involvement tal-partijiet ikkonċernati ewlenin**

- Il-partijiet ikkonċernati ewlenin se jkunu involuti b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-pjan jew l-istrateġija mmirata.

Kull kriterju se jiġi vvalutat dwar jekk huwiex issodisfat jew le.

3. Lista tal-proġetti miżmuma

L-applikanti kollha li jissottomettu l-proposti li jissodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq se jiġu mistiedna jissottomettu proposta sħiħa.

Dawk l-applikanti se jiġu mistiedna wkoll biex jipparteċipaw f'fażi ta' mistoqsijiet u tweġibiet bil-miktub, li matulha jistgħu jissottomettu mistoqsijiet relatati mat-tnejn ta' proposta sħiħa. Fi tmiem din il-fażi, il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se jsiru disponibbli għall-pubbliku b'mod anonimu biex l-applikanti kollha jiġu assistiti bl-istess mod fit-tnejn ta' tal-proposti sħaħ tagħhom. Fejn xieraq, il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se jiġu ssupplimentati bi gwida rigward id-diffikultajiet tipiċi li l-applikanti jista' jkun li ltaqgħu magħhom u li jkunu saru evidenti fin-noti kunċettwali.

Stadju 2: proposta sħiħa

1. Jiġu sottomessi proposti sħaħ.
2. Il-proposti jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mal-kriterji tal-ammissibbiltà, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-esklużjoni. Is-sekwenza tal-kontrolli tista' tiġi adattata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju biex tiġi żgurata l-effiċjenza massima tal-proċess tal-evalwazzjoni.
3. Evalwazzjoni tal-proposta sħiħa abbażi tal-kriterji għall-għoti li jidhru fit-tabella ta' hawn taħt:

1. Rilevanza (0-20)

- Ir-rilevanza tal-kontribuzzjoni għal wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi tal-programm LIFE u s-sottoprogramm fil-mira.
- Kemm il-proġett ikun konformi mad-deskrizzjoni tas-suġġett tas-sejħa għall-proposta.
- Is-solidità tal-loġika ġenerali tal-intervent.
- Kemm il-proġett joffri kobenefiċċji u jippromwovi sinerġiji ma' oqsma ta' politika oħrajn rilevanti għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika dwar l-ambjent u l-klima.

2. Kwalità (0-20)

- Ċarezza, rilevanza u fattibbiltà tal-pjan ta' ħidma.
- Fokus ġeografiku xieraq tal-attivitajiet
- Il-kwalità tal-pjan għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-impatti.
- L-identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri għall-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni tal-proġett u r-riżultati tiegħu lil gruppi fil-mira differenti.

3. Finanzjament komplementari (0-20)

- Il-livell ta' mobilizzazzjoni ta' fondi oħra komplementari għall-proġett LIFE previst (lil hinn mill-minimu meħtieġ għall-eliġibbiltà) kif ukoll il-probabbiltà tal-mobilizzazzjoni attwali tagħhom u r-rabta funzjonali tagħhom mal-pjan jew mal-istrateġija li għandhom jiġu implimentati
- Il-kwalità tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-aħjar użu ta' fondi oħra, b'mod partikolari fondi tal-Unjoni, meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' strateġija/pjan immirati
- L-identifikazzjoni, ir-rilevanza u l-fattibbiltà tal-azzjonijiet meħtieġa komplementari

4. Impatt (0-20)

- L-ambizzjoni u l-kredibbiltà tal-impatti mistennija matul u/jew wara l-proġett minħabba l-attivitajiet proposti, inklużi l-impatti negattivi potenzjali fuq l-objettivi speċifiċi l-oħrajn tal-programm LIFE, biex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara sostanzjali lil dawk l-objettivi.
- Is-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġett wara t-tmiem tal-proġett.
- Il-potenzjal li r-riżultati tal-proġett jiġu replikati fl-istess setturi jew f'setturi oħra, jew fl-istess postijiet jew f'postijiet oħra, jew li jitpoġġew fuq skala akbar minn atturi pubbliċi jew privati jew permezz tal-mobilizzazzjoni ta' investimenti jew riżorsi finanzjarji akbar (potenzjal katalitiku).
- Il-kwalità tal-miżuri għall-isfruttament tar-riżultati tal-proġett.

5. Riżorsi (0-20)

- Il-kompożizzjoni tat-tim tal-proġett - ta' konsorzju jew ta' benefiċjarju uniku - f'termini ta' għarfien espert, ħiliet u responsabbiltajiet u adegwatezza tal-istruttura ta' ġestjoni.
- L-adegwatezza tal-baġit u tar-riżorsi u l-konsistenza tagħhom mal-pjan ta' ħidma.
- It-trasparenza tal-baġit, jiġifieri l-elementi ta' kost jenħtieġ li jiġu deskritti b'mod suffiċjenti.
- Kemm l-impatt ambjentali tal-proġett huwa meqjus u mtaffi, inkluż permezz tal-użu ta' akkwist ekoloġiku. L-użu ta' metodi rikonoxxuti għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-proġett (eż. il-metodi PEF jew OEF jew metodi simili⁴¹) jew sistemi ta'

⁴¹ Eż. PEFCRs/OEFSRs. Ara l-lista fuq https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/PEFCR_OEFSR_en.htm.

ġestjoni ambjentali (eż. EMAS) ikun ta' vantaġġ.

- Il-valur għall-flus tal-proġett.

4. Il-punteġġ tal-proposti

Kull kriterju se jingħata punteġġ fuq firxa ta' minn 0 sa 20 punt. Il-punteġġ minimu ta' suċċess għal kull kriterju huwa ta' 10 punti. Il-limitu ġenerali ta' suċċess, li japplika għas-somma tal-punteġġi individwali ponderati huwa ta' 55 punt. L-ebda punt ta' bonus ma huwa inkluż ħlief fejn il-proġett propost ikopri primarjament ir-Reġjuni Ultraperiferiċi.

Dan ifisser li n-numru massimu ta' punti possibbli huwa ta' 100.

5. Il-klassifikazzjoni u t-tnejn tal-lista finali ta' proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati.

Il-proposti tal-proġett se jiġu kklassifikati, filwaqt li jitqies il-punteġġ ponderat ta' kull kriterju tal-ġhoti.

Il-lista ta' proġetti proposti għall-finanzjament se ssir filwaqt li jitqiesu l-proposti li laħqu l-limitu minimu u li għalihom hemm baġit disponibbli.

Fil-każ ta' punteġġi ugwali, se jiġu ffinanzjati proposti bl-ogħla punteġġ taħt il-kriterju 3, impatt.

F'każ ta' nuqqas ta' baġit biex jiġu ffinanzjati l-proposti kollha li laħqu l-limitu minimu, se tingħata prijorità lill-proposti mill-Istati Membri li għad ma għandhomx SIPs iffinanzjati taħt is-sottoprogramm speċifiku jew, taħt is-sottoprogramm Natura u Bijodiversità, SNAP speċifiku.

6. Lista ta' Riżerva u Siġill ta' Eċċellenza.

Il-lista ta' riżerva u s-Siġill ta' Eċċellenza se japplikaw għall-proċedura fi stadju wieħed deskritta fit-taqsim 4.2.1.

4.3. Għotjiet operazzjonali

F'konformità mar-Regolament LIFE, l-għotjiet operazzjonali jistgħu jingħataw f'każijiet differenti:

1. L-Artikolu 11(6) tar-Regolament LIFE jipprevedi appoġġ għal ċerti spejjeż operazzjonali u amministrattivi għal entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li huma involuti fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tal-Unjoni u li huma primarjament attivi fil-qasam tal-ambjent jew tal-azzjoni dwar il-klima, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika.
2. L-Artikolu 13 tar-Regolament LIFE jiddikjara li jistgħu jingħataw għotjiet lill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness I tar-Regolament LIFE. L-ammont ta' għotjiet operazzjonali u ta' azzjoni lil dawn l-organizzazzjonijiet fis-snin 2021-2024 mhux se jaqbeż EUR 6 miljun.
3. L-għotjiet operazzjonali barra l-punt 1 u 2 ta' hawn fuq jistgħu jingħataw f'każijiet debitament ġustifikati kif definit fl-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont indikattiv għall-għotjiet operazzjonali fil-perjodu 2021-2024 huwa ta' EUR 55.5 miljun.

Ir-rata massima ta' kofinanzjament għat-tipi differenti kollha ta' għotjiet operazzjonali hija ta' 70 % tal-ispejjeż eliġibbli.

4.4. Il-proċedura tas-sottomissjoni u tal-għażla għall-għotjiet operazzjonali

L-għoti ta' għotjiet operazzjonali se jkun ibbażat fuq dan li ġej:

- (1) Ftehimiet qafas ta' sħubija ma' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ u, fejn possibbli wara analiżi tar-riskju, ukoll mal-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness I tar-Regolament LIFE. It-tul taż-żmien tal-ftehimiet qafas ta' sħubija se jiġi stabbilit sabiex jinżamm il-bilanċ bejn il-ħtieġa għaċ-ċertezza u l-istabbiltà tal-benefiċjarji, il-ħtieġa li tiġi żgurata evoluzzjoni tas-sħubija u, fil-każ ta' għotjiet operazzjonali lil entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, il-possibbiltà li organizzazzjonijiet differenti jkollhom aċċess għalihom.

Ftehimiet speċifiċi ta' għotjiet se jingħataw fuq bażi annwali wara sejħa għal proposti indirizzati lis-sħab qafas.

- (2) Għotjiet operazzjonali annwali uniċi, meta l-ftehimiet ta' sħubija ma jkunux possibbli jew ma jkunux xierqa.

Il-proċedura tal-għoti se tiġi organizzata kif ġej:

1. Jiġu sottomessi l-proposti wara sejħa għall-proposti.
2. Il-proposti jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mal-kriterji tal-ammissibbiltà, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-esklużjoni. Is-sekwenza tal-kontrolli tista' tiġi adattata f'konformità mar-Regolament Finanzjarju biex tiġi żgurata l-effiċjenza massima tal-proċess tal-evalwazzjoni.
3. L-evalwazzjoni tal-proposta. Il-proposta għal ftehim qafas ta' sħubija se tiġi evalwata abbażi tal-kriterji għall-għoti elenkati hawn taħt:

a) Rilevanza.

- Ir-rilevanza tal-kontribuzzjoni għal wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi tal-programm LIFE.
- Kemm il-pjan ta' ħidma propost huwa konformi mal-politiki rilevanti koperti mis-sejħa għall-proposti.
- Kemm il-proposta turi l-valur miżjud tal-UE.

b) It-tfassil tal-politika tal-UE.

- Kemm il-proposta turi fehim fil-fond tal-proċess tal-politika tal-UE.
- Kemm l-applikant itejjeb il-bażi tal-għarfien u l-evidenza, u b'hekk jappoġġa l-politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija.
- Kemm l-applikant irawwem l-integrazzjoni tal-politiki dwar l-ambjent, il-klima u/jew l-enerġija u l-koerenza ma' politiki oħra, eż. l-agrikoltura, it-trasport, il-politika ta' koeżjoni.
- Kemm l-applikant jaġixxi bħala mezz bejn il-livell tal-UE u s-soċjetà ċivili, li jipprovdi kontribut politiku kkoordinat.
- L-adeqwatezza tal-mezzi u l-istrutturi mmirati biex jiġi espress it-tħassib taċ-ċittadini tal-UE u biex tiġi żgurata r-rappreżentanza demokratika tagħhom fil-konfront tal-istituzzjonijiet rilevanti.

c) L-implimentazzjoni tal-politika tal-UE.

- Kemm l-istrateġija proposta ttejjeb l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent, il-klima u/jew l-enerġija fil-livell lokali, tal-Istati Membri u/jew Ewropew.
- Kemm l-applikant se jaġixxi bħala mezz bejn il-livell tal-UE u s-soċjetà ċivili, li jippromwovi u jiżgura l-aċċettazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika.
- Kemm l-applikant juża n-network tiegħu biex jidentifika l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-politika fil-livell nazzjonali/reġjonali, għall-feedback politiku.
- L-adeqgatezza u l-kwalità tal-miżuri proposti għall-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni sabiex jinholq ingranaġġ.
- Kemm l-istrateġija proposta tgħin biex jiġi żgurat l-investment għall-politika dwar l-ambjent, il-klima u/jew l-enerġija, filwaqt li jiġu indirizzati l-esternalitajiet dwar l-ambjent.

d) Il-funzjoni tas-sensur.

- Kemm il-proposta tgħin biex jiġu identifikati kwistjonijiet ġodda jew emerġenti fil-qasam tal-ambjent, tat-tibdil fil-klima u/jew tal-enerġija u kemm il-proposta tgħin biex jiġu identifikati tista' tanalizza l-kawżi ta' kwistjonijiet bħal dawn u l-effetti possibbli tagħhom.
- Il-kapaċità tal-applikant li jipproponi soluzzjonijiet xierqa u li jipprovdi feedback jew itejjeb it-tfassil tal-politika dwar il-kwistjonijiet ġodda jew emerġenti identifikati.

e) L-iżvilupp organizzattiv.

- Il-kwalità tal-istrateġija proposta biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-oqsma tal-iżvilupp organizzattiv identifikati għat-titjib.
- Kemm l-applikant jirrappreżenta l-partijiet ikkonċernati rilevanti u jagħmel ħiltu biex jiżviluppa s-sħubija tiegħu (bażi fil-livell lokali jew tal-membri).
- Kemm l-istrateġija ta' ġbir ta' fondi tal-applikant tiżgura d-diversifikazzjoni u s-sostenibbiltà tal-organizzazzjoni.
- L-analiżi tad-dipendenza tal-applikant fuq l-għotja operazzjonali ta' LIFE u l-istrateġiji li jindirizzaw din id-dipendenza huma konvinċenti.
- Il-valur għall-flus tal-ħidma proposta.

Il-punteġġ tal-proposti

Kull kriterju se jingħata punteġġ fuq firxa ta' minn 0 sa 20 punt. Ma hemm l-ebda punteġġ minimu ta' suċċess għal kriterji individwali.

Il-punteġġ tal-kriterju 4) "il-funzjoni tas-sensur" se jingħata piż ta' 0.25.

Il-punteġġ tal-kriterju 5) "l-iżvilupp organizzattiv" se jingħata piż ta' 0.75.

Il-limitu ġenerali ta' suċċess, li japplika għas-somma tal-punteġġi individwali ponderati, huwa ta' 45 punt.

Fil-każ ta' punteġġi ugwali, l-ordni ta' prijorità tiġi stabbilita abbażi tal-prinċipji li ġejjin:

1. proposti li jiffukaw fuq suġġett li mhuwiex kopert sew minn proposti ta' klassifika oġhla se jitqiesu li għandhom l-oġhla prijorità;
2. minn hemm 'il quddiem, applikazzjonijiet skont il-valur stmat tagħhom għall-flus.

Il-klassifikazzjoni u t-tħejjija tal-lista finali ta' għotjiet operazzjonali li għandhom jingħataw.

Il-proposti tal-proġett se jiġu kklassifikati, filwaqt li jitqies il-punteġġ ta' kull kriterju tal-ġhoti.

Il-lista ta' għotjiet operazzjonali proposti għall-ġhoti se ssir b'kont meħud tal-proposti li jkunu laħqu l-limitu minimu u li għalihom ikun hemm baġit disponibbli.

Din il-klassifikazzjoni tal-proposti skont il-punteġġ u l-ordni ta' prijorità wara l-evalwazzjoni tal-FPA se tikkostitwixxi wkoll l-ordni li fiha l-applikanti se jiġu kklassifikati ladarba l-proposti tal-Ftehim Speċifiku ta' Għotja (SGA) ikunu ġew evalwati, jiġifieri ma tiġi stabbilita l-ebda klassifikazzjoni ġdida wara l-evalwazzjoni tal-SGA.

Għall-ġhoti ta' għotjiet operazzjonali uniċi, se japplikaw il-kriterji li ġejjin:

<p>a) Rilevanza</p> <ul style="list-style-type: none"> - Kemm il-programm ta' ħidma propost huwa konformi mal-ftehim qafas ta' sħubija tal-applikant tal-NGO. Kwalunkwe devjazzjoni hija ġġustifikata. <p>b). Il-kwalità tal-proposta</p> <ul style="list-style-type: none"> - Iċ-ċarezza, ir-rilevanza u l-fattibbiltà tal-pjan ta' ħidma propost - L-ambizzjoni u l-kredibbiltà tal-impatti mistennija minħabba l-attivitajiet proposti. <p>c). Riżorsi</p> <ul style="list-style-type: none"> - L-adegwatezza tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tax-xogħol - L-adegwatezza tal-baġit u tar-riżorsi proposti u l-konsistenza tagħhom mal-pjan ta' ħidma propost. - Id-dħul u n-nefqa huma bbilanċjati

Kull kriterju se jingħata punteġġ fuq firxa ta' minn 0 sa 20 punt. Ma hemm l-ebda punteġġ minimu ta' suċċess għal kriterji individwali. Il-limitu ġenerali ta' suċċess, li japplika għas-somma tal-punteġġi individwali, huwa ta' 35 punt.

4.5. Skedi indikattivi għas-sejħiet għal proposti

	2021			2022			2023			2024		
	xhur 01-04	05-08	09-12	01-04	05-08	09-12	01-04	05-08	09-12	01-04	05-08	09-12
SAP		<input checked="" type="checkbox"/>		<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>		
SNAP		<input checked="" type="checkbox"/>		<input checked="" type="checkbox"/>						<input checked="" type="checkbox"/>		
SIP		<input checked="" type="checkbox"/>		<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>		
TA-CAP		<input checked="" type="checkbox"/>		<input checked="" type="checkbox"/>								
Proġetti oħra TA		<input checked="" type="checkbox"/>		<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>		
Għotjiet operazzjonali		<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>	
OA		<input checked="" type="checkbox"/>		<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>			<input checked="" type="checkbox"/>		

Sejħiet għal proposti għall-SAP, SIP, TA-PP għat-tnejn tal-SNAP u l-SIP, is-CSA se jiġu mnedija kull sena u/jew se jipprevedu skadenza annwali għas-sottomissjoni tal-proġetti.

Għall-SNAP, se tiġi mnedija sejħa għal proposta fl-2021, fl-2022 u fl-2024.

Is-sejħiet għall-proposti għat-TA-CAP se jiġu mnedija fl-2021 u fl-2022

Is-sejħiet għall-proposti għat-TA-R se jiġu mnedija kull sentejn mill-2022.

Is-sejħiet għall-proposti għall-OA huma mistennija li jiġu mnedija fuq bażi annwali jew biennali. Is-sejħiet għall-proposti għal għotjiet operazzjonali huma mistennija li jiġu mnedija

kull sena. Il-ftehimiet qafas ta' sħubija għall-OA u/jew l-għotjiet operazzjonali se jiġu konklużi, fejn xieraq, fuq bażi pluriennali.

5. FOROM OĦRA TA' FINANZJAMENT

Għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament, minbarra l-proġetti ffinanzjati permezz ta' għotjiet identifikati fit-taqsimha 4, il-Programm LIFE jista' jiffinanzja wkoll permezz ta' forom oħra ta' finanzjament:

- proġetti kif definiti fit-taqsimha 5.4,
- l-attivitajiet implimentati mill-Kummissjoni b'appoġġ għat-tnejn, għall-implimentazzjoni u għall-integrazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata tal-UE mat-Tranżizzjoni lejn l-Ambjent, il-Klima u l-Enerġija Nadifa,
- assistenza amministrattiva u teknika lill-Kummissjoni fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fl-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-programm.

Forum oħra ta' finanzjament jistgħu jinkludu:

- Kuntratti ta' akkwist pubbliku.
- Premjijiet.
- Attivitajiet ta' ġestjoni indiretta, inkluż it-taħlit.

L-ammont indikattiv għall-proġett iffinanzjat permezz ta' forom oħra ta' finanzjament u strumenti finanzjarji taħt operazzjonijiet ta' taħlit taħt l-erba' sottoprogrammi għas-snin 2021-2024 huwa ta' EUR 476 miljun.

L-ammont indikattiv għall-attivitajiet ta' assistenza teknika u amministrattiva taħt l-erba' sottoprogrammi għas-snin 2021-2024 huwa ta' EUR 106 miljuni.

5.1. Kuntratti ta' Akkwist

F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament LIFE, il-Programm LIFE jista' jiffinanzja attivitajiet implimentati mill-Kummissjoni b'appoġġ għat-tnejn, għall-implimentazzjoni u għall-integrazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima jew l-enerġija rilevanti.

Tali attivitajiet implimentati permezz tal-akkwist pubbliku jistgħu jinkludu:

- Informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi pereżempju kampanji ta' sensibilizzazzjoni, relazzjonijiet mal-media, pubblikazzjonijiet, materjal ta' informazzjoni, traduzzjonijiet, konsultazzjoni/involvement tal-partijiet ikkonċernati, workshops, konferenzi u appoġġ għal skemi/attivitajiet parteċipattivi, networking u pjattaformi tal-aħjar prattika.
- Appoġġ għat-tfassil, għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni u għall-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eż. appoġġ xjentifiku, legali u tekniku, spezzjonijiet, bini tal-kapaċità, evalwazzjonijiet bejn il-pari, awditi, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni, studji, servizzi ta' konsulenza, l-immudellar u l-bini tax-xenarji.

5.2. Premjijiet

Il-premjijiet huma kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija bħala premju wara kompetizzjoni.

Permezz tal-premjijiet, il-Kummissjoni tippromwovi l-ilħuq tal-oġettivi tal-politika tal-Unjoni.

Il-premjijiet se jingħataw f'konformità mal-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali.

Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-arranġamenti għall-flus tal-premju lir-rebbieħa wara l-għoti tiegħu, u l-mezzi xierqa ta' pubblikazzjoni huma definiti fir-rigward tal-premju speċifiku organizzat.

L-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-premijiet għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-limitu minimu ta' 85 % skont l-Artikolu 9.3 tar-Regolament LIFE.

Eżempji ta' premijiet iffinanzjati mill-programm LIFE huma l-Premju Green Leaf u l-Premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika, il-Premju Ewropew tan-Negozju, il-Premju Natura 2000, l-inċentivi tal-Patt Klimatiku, eċċ...

5.3. Attivitajiet b'appoġġ għall-investimenti, inkluż it-taħlit

5.3.1. Appoġġ għall-finanzjament ta' assistenza teknika għall-investimenti ambjentali u klimatiċi

Il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikonoxxi li l-investimenti ekoloġiċi u l-ekonomija ġeneralment jeħtieġu tisħiħ sinifikanti tal-assistenza teknika biex tiġi żviluppata sensiela ta' investimenti b'impatt għoli b'mod proattiv. Barra minn hekk, huwa jenfasizza l-importanza tal-assistenza teknika għall-promozzjoni tal-kapital naturali, tal-azzjoni dwar il-klima u tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

Il-pipeline ta' investiment b'impatt għoli jenħtieġ li jiffoka fuq proġetti li jikkonservaw, jirrestawraw, jimmaniġġjaw u jtejbu l-kapital naturali jew li jwasslu għat-tneħħija tal-karbonju – b'appoġġ għall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, għall-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, għall-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u politiki rilevanti oħra.

L-assistenza teknika taħt iċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-InvestEU se jkollha l-għan li tappoġġa proġetti li għandhom il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima u/jew il-protezzjoni u t-titjib tar-riżorsi kapitali naturali kif ukoll l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari bħala skopijiet ta' proġett primarju. Hija se tiffoka fuq proġetti li jikkontribwixxu għar-reżiljenza għall-klima u/jew biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fil-ġestjoni tar-riżorsi naturali.

Sabiex tiġi żviluppata din is-sensiela ta' proġetti u biex jiġu implimentati fil-prattika, se jiġu stabbiliti żewġ azzjonijiet addizzjonali u komplementari:

- (1) Il-kontribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji għaċ-ċentru ta' Konsulenza taħt il-programm InvestEU. Is-servizzi konsultattivi se jidentifikaw, se jiżviluppaw u se jħejju l-proġett għall-programm InvestEU. L-għan huwa li jiġu promossi u appoġġati l-investimenti ekoloġiċi u r-replikazzjoni/iż-żieda tal-proġetti ekoloġiċi, fejn l-adattament għat-tibdil fil-klima u/jew il-protezzjoni u t-titjib tar-riżorsi tal-kapital naturali huma skopijiet ta' proġett primarju. Dan se jinkludi wkoll, fuq talba, servizzi ta' konsulenza biex isiru proġetti ta' investiment oħrajn aktar ekoloġiċi.
- (2) Appoġġ finanzjarju *ad hoc* fil-forma ta' għotjiet (ara qabel it-taqsim 4.1.3.3) jew taħlit (f'każ li l-għotjiet ikunu akkumpanjati minn sorsi ta' finanzjament li jitħallsu lura, bħal self, finanzjament mill-bejgħ ta' ishma jew appoġġ baġitarju ffinanzjat minn sorsi oħra minbarra LIFE).

5.3.1.1. Il-komponent ekoloġiku taċ-ċentru ta' konsulenza

Iċ-ċentru ta' konsulenza tal-InvestEU se jkollu l-għan li jagħmel disponibbli l-assistenza teknika proattiva l-aktar avvanzata bħala azzjoni abilitanti essenzjali li tappoġġa l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija u tal-investimenti mistennija.

Iċ-ċentru ta' konsulenza tal-InvestEU jimmira lejn dawk l-investimenti li huma meħtieġa biex jiġu implimentati bis-sħiħ il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent u l-klima u biex

jigü indirizzati sfidi ambjentali usa' relatati mal-protezzjoni u r-restawr tal-kapital naturali tagħna li jsostnu l-ekonomija u ċ-ċirkolarità tagħha kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-objettiv tal-kontribut ta' LIFE liċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU huwa li jassisti lill-promoturi tal-investment pubbliku u privat u lill-atturi relatati fl-identifikazzjoni u fl-iżvilupp tal-proġetti ta' investment, li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni, għar-restawr, għall-ġestjoni u għat-titjib tal-kapital naturali, u jikkontribwixxu wkoll għat-tneħħija tal-karbonju u r-reżiljenza għall-klima, b'appoġġ pereżempju għall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, għall-Pjan għal Ekonomija Ċirkolari u għall-Istrateġija l-Ġdida dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.

Se jiġi identifikat għarfien espert speċjalizzat - (1) direttament fis-suq u (2) permezz ta' sħab konsultattivi - biex jigü pprovduti assistenza teknika u tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jgħinu fl-identifikazzjoni u fl-iżvilupp ta' investimenti ekoloġiċi pubbliċi u privati. Fuq talba, huwa jista' jkun involut fl-appoġġ tal-ekoloġizzazzjoni ta' investimenti oħra. Fejn rilevanti, l-esperti se jkun involuti f'attivitajiet ta' taħriġ reċiproku u fil-kondiviżjoni tal-esperjenza biex tissaħħaħ il-kapaċità li jigü identifikati, promossi u strutturati proġetti ta' investimenti ekoloġiċi madwar l-UE.

Wara ż-żmien meħtieġ biex jinbena n-nukleu ta' għarfien espert u biex jigü konklużi l-ftehimiet mas-sħab konsultattivi, il-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert hija mistennija li tkun gradwali ħafna.

Mill-bidu, se jitwettqu azzjonijiet immirati biex jippermettu l-identifikazzjoni proattiva ta' investimenti possibbli u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

L-ammont iddedikat għal dawn is-servizzi ta' konsulenza se jkun immexxi mill-iżvilupp tad-domanda. Huwa mistenni li l-ammont allokat għas-servizzi ta' konsulenza fil-perjodu 2021-2024 taħt is-sottoprogrammi Natura u Bijodiversità, Ekonomija Ċirkolari u Kwalita tal-Ħajja u Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih, mhux se jaqbeż il-EUR 35 miljun. Dan l-ammont se jkun komplementari għall-forom ta' appoġġ ripagabbli pprovduti taħt Invest EU u se jiffoka fuq servizzi ta' assistenza teknika u jista' jiġi ffinanzjat, kif xieraq, b'mod ta' ġestjoni dirett jew indirett.

Il-fondi mhux użati se jigü riallokati għal għotjiet.

5.3.1.2. Appoġġ għat-taħlit

Fejn xieraq, l-appoġġ li għandu jiġi pprovdut lill-investimenti ekoloġiċi se jieħu l-forma ta' operazzjonijiet ta' taħlit.

Operazzjoni ta' taħlit tista' tiġi definita bħala l-kombinazzjoni ta' forom differenti ta' appoġġ:

- **mill-inqas forma waħda ta' appoġġ ripagabbli** (garanzija baġitarja u/jew strument finanzjarju) ifffinanzjata minn InvestEU jew minn sorsi oħra ta' finanzjament u
- **forma ta' appoġġ mhux ripagabbli** ffinanzjata minn LIFE li se tikkonforma mal-objettivi tal-politika u l-kriterji ta' eliġibbiltà tiegħu.

L-element ta' għotja LIFE se jintuża b'mod strateġiku biex jattira finanzjament addizzjonali għal investimenti importanti. Billi jinġabru flimkien ir-riżorsi, it-taħlit jimmultiplika l-possibbiltà li l-investimenti jimmaterializzaw billi jippermetti lil kull finanzjatur jikseb xi ingranaġġ fuq il-fondi tiegħu u jiżgura koordinazzjoni aħjar tal-appoġġ pubbliku mill-Kummissjoni u minn finanzjaturi oħrajn biex isegwu l-objettivi tal-politika tal-UE.

It-taħlit jista' jintuża biex jiffaċilita r-replikazzjoni tal-proġett jew biex jappoġġa l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' investimenti ekoloġiċi possibbli.

Taħt il-programm InvestEU, it-taħlit jista' jiftaħ possibbiltajiet biex tinkiseb protezzjoni/titjib tal-kapital naturali, inklużi aspetti ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalija,

inkorporati u mkabbra fi ħdan il-proġetti. L-element ta' għotja ta' operazzjoni ta' taħlit jista' jinċentiva aktar l-impatt oġġla tal-oġġettivi ta' politika li jappoġġaw il-parti mhux bankarja tal-proġetti jew li jipprovdu garanzija oġġla lill-investituri.

F'każ li operazzjoni ta' taħlit ma timmaterjalizzax, dawn il-fondi se jintużaw biex jiffinanzjaw l-għotjiet. Il-fondi mhux użati se jiġu riallokati wkoll għal għotjiet.

L-ammont massimu allokat għall-element ta' għotja tal-operazzjonijiet ta' taħlit se jkun ta' EUR 15-il miljun għas-snin 2021-2024.

Il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena lill-Kumitat LIFE dwar l-istudji preliminari u l-iżvilupp possibbli tal-operazzjoni ta' taħlit.

5.3.2. Appoġġ għall-finanzjament tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli

Il-fondi mhux użati għall-appoġġ finanzjarju se jiġu riallokati għal għotjiet taħt is-sottoprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa.

5.3.2.1. Appoġġ finanzjarju għall-assistenza teknika għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli

Il-ġestjoni indiretta tal-appoġġ finanzjarju għall-assistenza teknika għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli mmirati lejn il-bini u li jiffrankaw l-enerġija u jnaqqsu l-emissjonijiet, bħall-faċilità ELENA⁴².

Din il-faċilità, ġestita mill-BEI skont il-programm Orizzont 2020 2014-2020, il-predeċessor tas-sottoprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa. ELENA tipprovdi għotjiet għal assistenza teknika għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli mmirati lejn il-bini u lejn proġetti innovattivi tat-trasport urban u tal-mobbiltà li jiffrankaw l-enerġija u jnaqqsu l-emissjonijiet.

Taħt tali faċilità, l-appoġġ finanzjarju għas-servizzi tal-iżvilupp tal-proġetti huwa pprovdut fir-rigward tal-attivitajiet kollha meħtieġa għall-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għal programm ta' investiment, inkluż pereżempju: studji tal-fattibbiltà, studji ta' disinn, struttura ta' programmi, pjanijiet ta' negozju, awditi tal-enerġija, ir-raggruppament ta' proġetti iżgħar biex jiffurmaw pakketti bankabbli. Il-kostijiet relatati mal-programm ta' investiment innifsu bħall-ispejjeż tal-hardware ma humiex eliġibbli.

L-implimentazzjoni ta' dan it-tip ta' faċilità hija soġġetta għal ftehimiet ta' kontribuzzjoni ddedikati bejn il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Kummissjoni Ewropea. Il-faċilità qed tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-benefiċjarju finali skont il-modalitajiet definiti fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni.

L-appoġġ għall-finanzjament ta' assistenza teknika għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli ma għandux jaqbeż EUR 45 miljun għall-perjodu 2021-2024

5.4. Appoġġ għall-finanzjament ta' azzjonijiet oħra taħt ġestjoni indiretta

Skont l-Artikolu 62.1(c) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tiddelega kompiti ta' eżekuzzjoni tal-baġit lil diversi tipi ta' sħab, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali, aġenziji deċentralizzati u korpi tal-liġi pubblika, inklużi organizzazzjonijiet tal-Istati Membri.

L-għażla tal-persuni u tal-entitajiet li għandhom jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni għandha tkun trasparenti, ġustifikata min-natura tal-azzjoni u ma għandhiex twassal għal kunflitt ta' interessi.

⁴² <https://www.eib.org/en/products/advising/elena/>

Skont l-Artikolu 154.3 RF tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-entitajiet li lilhom jiġu delegati l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit juru livell ta' ġestjoni finanzjarja u protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE ekwivalenti għal dak tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli għall-baġit tal-UE u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet imwettqa mill-entitajiet u mill-persuni responsabbli.

5.4.1. Appoġġ finanzjarju għal attivitajiet oħra ta' ġestjoni indiretta fl-oqsma tal-ambjent u l-klima

Ftehim ta' kontribuzzjoni *ad hoc* jista' jiġi ffirmat ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, aġenziji deċentralizzati u korpi tal-liġi pubblika, inklużi organizzazzjonijiet tal-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ limitat għal attivitajiet *ad hoc* ta' interess komuni.

Eżempji ta' attivitajiet ta' ġestjoni indiretta ffinanzjati mill-programm LIFE fil-passat huma sħarriġ immexxi mill-OECD biex jipprovdi valuri affidabbli tar-rieda għall-ħlas biex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa relatati mal-esponiment għas-sustanzi kimiċi jew l-aġġornament tar-rakkomandazzjonijiet tal-linji gwida u informazzjoni dwar ir-riskji għas-saħħa tat-tniġġis tal-arja fl-Ewropa, implimentata mid-WHO.

Lista mhux eżawrjenti ta' azzjonijiet ippjanati għall-perjodu 2021-2024 tinkludi l-proġetti li ġejjin:

- Skambju internazzjonali ta' informazzjoni dwar l-użu tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) għall-kontroll tal-emissjonijiet industrijali – Fażi III – li għandu jiġi implimentat mill-OECD
- Il-Pjan ta' Azzjoni Pan-Ewropew għall-Isturjuni – li għandu jiġi implimentat mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Berna (il-Kunsill tal-Ewropa).
- Aġġornament tal-gwida dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għas-saħħa dwar is-sħana - li għandu jiġi implimentat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa - iċ-Ċentru Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa (ECEH)

L-ammont indikattiv allokat għal dan it-tip ta' azzjonijiet implimentati taħt ġestjoni indiretta mid-DĠ Ambjent u d-DĠ Azzjoni Klimatika huwa ta' EUR 3 miljun għall-perjodu 2021-2024.

5.4.2. Appoġġ finanzjarju għall-attivazzjoni tal-investimenti tas-settur privat għall-effiċjenza fl-enerġija

Ftehim ta' kontribuzzjoni mal-UNEP għall-attivazzjoni tal-investimenti tas-settur privat għall-effiċjenza fl-enerġija permezz tal-Grupp tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji għall-Effiċjenza fl-Enerġija (EEFG) fil-qafas tal-Kapitolu 2. "It-tisħiħ tan-newtralità klimatika u tal-enerġija nadifa" tal-anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent għall-perjodu ta' kooperazzjoni 2020-2024 miftiehem bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-UNEP.

Ix-xogħol tal-EEFG qed jipprovdi kontribut sinifikanti fl-aċċellerazzjoni tal-finanzjament privat għall-effiċjenza fl-enerġija li bħalissa qed jiffoka fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u fi ħdan l-oqfsa tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE.

L-Inizjattiva Finanzjarja tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP FI) għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni ta' parti mill-attivitajiet tal-EEFIG f'konformità mal-modalitajiet definiti fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni.

L-appoġġ finanzjarju lill-UNEP ma għandux jaqbeż EUR 0.6 miljun għall-perjodu 2021-2024.

5.5. Proġetti ffinanzjati permezz ta' forom oħra ta' finanzjament li għandhom jiġu inklużi fil-85 % skont l-Artikolu 9.3

Skont l-Artikolu 9.3, mill-inqas 85 % tal-baġit għall-Programm LIFE għandu jiġi allokat għal għotjiet, għal proġetti ffinanzjati permezz ta' forom oħra ta' finanzjament sa fejn speċifikat fil-programm ta' ħidma pluriennali u għal strumenti finanzjarji fil-forma ta' operazzjonijiet ta' taħlit.

L-attivitajiet li jistgħu jitqiesu fil-kalkolu tal-limitu minimu ta' 85 % skont l-Artikolu 8(2a) huma:

- Premjijiet u għotjiet uffiċjali, inkluż l-infiq relatat kollu (jiġifieri l-Premju Green Leaf u l-Premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika; il-Premju Ewropew tan-Negożju; il-Premju Natura 2000).
- L-appoġġ, l-iskambju ta' għarfien espert u n-networking biex tittejjeb il-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati differenti fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-politiki ambjentali u klimatiċi tal-UE (eż. Pjattaforma għar-Reġjuni tal-Faħam fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija, il-Patt Klimatiku, il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, il-Ftehim dwar l-Ibriet Ekoloġiċi, is-Suq Finanzjarju għall-Effiċjenza fl-Enerġija, il-Ġimgħat tal-UE għall-Enerġija Sostenibbli, il-Forum Industrijali dwar l-Enerġija Nadifa dwar l-Enerġiji Rinnovabbli, attivitajiet ta' network b'appoġġ għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali LIFE, inklużi taħriġ, attivitajiet ta' taġlim reċiproku u avvenimenti ta' kondivizzjoni ta' esperjenza).
- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-taħriġ u tipi oħra ta' appoġġ għall-Istati Membri u atturi oħra inkarigati mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, inkluża l-assistenza teknika għall-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' investimenti ekoloġiċi, l-evalwazzjonijiet bejn il-pari, l-iżvilupp ta' gwida u l-iskambju tal-aħjar prattiki (TAIEX-EIR bejn il-pari, kooperazzjoni mal-imħallfin nazzjonali, Tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri dwar l-iżvilupp tal-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet, Pjattaforma tal-Effiċjenza tal-Enerġija li Tneħħi ir-Riskju (DEEP), eċċ.).
- Appoġġ għall-ġbir tad-*data*, għas-sistemi tal-IT, għall-istħarriġ tal-bażijiet tad-*data* u għall-korpi speċjalizzati li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jaċċessaw u/jew jużaw id-*data* dwar l-ambjent u l-klima (eż. l-istħarriġ LUCAS, is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa (FISE), is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE), l-Osservatorju tal-Innovazzjoni dwar l-Emissjonijiet Industrijali, in-Network Ewropew ta' Infurmazzjoni dwar l-Ispeċijiet Aljeni (EASIN), l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE, il-bażi tad-*data* tar-riżultati tal-proġett LIFE),
- Il-funzjonament u s-sigurtà adegwati tal-EU ETS (regjistru tal-Unjoni) u tal-applikazzjonijiet derivattivi (MRVA, NEC, Riżerva tal-istabbiltà tas-suq) inkluża l-pjattaforma tal-irkant,
- Ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (bħall-WHO, l-OECD, l-UNFCCC, l-UNEP, l-FAO, l-AIE, il-BEI) għall-fini li jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament LIFE (eż. ġestjoni indiretta għall-assistenza teknika għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli mmirati lejn bini li jiffranka l-enerġija u jnaqqas l-emissjonijiet).

Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Kumitat fuq bażi annwali dwar l-ammont allokat għal dawn il-proġetti fis-sena preċedenti.

6. FINANZJAMENT KUMULATTIV

F'xi każijiet, il-fondi LIFE jistgħu jintużaw biex jiżdiedu, jiġu kkumplimentati jew jiġu kkombinati fondi minn programmi oħra tal-UE. Dan jista' jseħħ, pereżempju, biex tiġi promossa, miżjuda jew titmexxa xi ħidma speċifika dwar kwistjonijiet ambjentali jew klimatiċi ewlenin taħt programmi oħra.

Dawn it-tipi ta' finanzjament se jkollhom l-għan li jiżviluppaw sforzi miftiehma, jottimizzaw is-sinerġiji u/jew li jsegwu objettivi speċifiċi tal-Programm LIFE. Dawn huma mmirati biex jiżguraw aktar effiċjenza fl-ingranaġġ u biex jippermettu koordinazzjoni aħjar tal-appoġġ lill-benefiċjarji/lir-riċeventi finali.

Il-finanzjament kumulattiv jista' jintuża biex jiffinanzja l-kontribuzzjoni ta' LIFE għal, pereżempju, sejħiet għal proposti, għotjiet speċifiċi, sejħiet għal offerti jew taħlit ta' appoġġ ifffinanzjat b'mod konġunt ma' programmi u strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

6.1. Il-mod ta' ġestjoni

L-attività se tiġi ġestita direttament mill-Kummissjoni jew minn Aġenzija Eżekuttiva waħda. Se jintuża mod ta' ġestjoni indirett jekk dan ikun iġġustifikat mit-tip ta' attività.

6.2 Korp ta' implimentazzjoni

Jekk aktar minn organizzazzjoni waħda tkun tista' tiġi inkarigata mill-ġestjoni ta' dawn l-attivitajiet, tintgħażel l-organizzazzjoni li timmaniġġja l-aktar attivitajiet simili, filwaqt li jitqiesu l-għan u l-kontenut tal-attivitajiet.

6.3. Regoli ta' implimentazzjoni

L-attività se tiġi ġestita filwaqt li jitqies, sa fejn ikun possibbli, ir-rispett tar-regoli fis-seħħ taħt il-programmi kkonċernati.

F'każ ta' devjazzjoni tar-regoli u/jew sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq l-applikanti, se jintgħażlu r-regoli li għandhom jiġu applikati biex tiġi żgurata l-effettività fl-implimentazzjoni, il-parteċipazzjoni l-iktar wiesgħa possibbli u s-simplifikazzjoni massima għall-applikanti potenzjali.

Kwalunkwe sejħa għal proposti jew sejħa għal offerti għandha tiġi promossa b'mod adegwat fuq il-paġna web tal-programm.